ISSN 1977-074X

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 332

Edizzjoni bil-Malti — Leġiżlazzjoni

Volum 56

11 ta' Diċembru 2013

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1279/2013 tad-9 ta' Diċembru 2013 li japprova emenda mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Aceto balsamico tradizionale di Reggio Emilia (DPO)]** ........ 1

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1280/2013 tad-9 ta' Diċembru 2013 li japprova emenda mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-Reġistru tad-Denominazzjoni Protetta tal-Oriġini u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti [Cítricos Valencianos/Cítrics Valencians (IĠP)]** ........ 3

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1281/2013 tal-10 ta' Diċembru 2013 li jistipula r-regoli għall-ġestjoni u d-distribuzzjoni tal-kwoti tat-tessuti stabbiliti għas-sena 2014 skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 517/94** ........ 5

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1282/2013 tal-10 ta' Diċembru 2013 li jikkoreġi l-verżjoni tal-lingwa Pollakka tar-Regolament (KE) Nru 2508/2000 li jippreskrivi regoli ddettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 rigward il-programmi ta' ħidma fis-settur tas-sajd** ........ 13

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1283/2013 tal-10 ta' Diċembru 2013 li jikkoreġi l-verżjoni Franċiża tar-Regolament (KE) Nru 865/2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom** ........ 14

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

**Prezz: EUR 4**

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1284/2013 tal-10 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ..... 15

DEĊIŻJONIJIET

2013/728/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2013 Li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ fir-rigward tal-estensjoni tal-moratorju fuq dazji doganali fuq trażmissjonijiet elettroniċi u l-moratorju fuq ilmenti mhux marbuta ma' vjolazzjoni u lmenti dwar sitwazzjonijiet** ..... 17

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/729/PESK tad-9 ta' Diċembru 2013 li temenda d-Deċiżjoni 2013/34/PESK dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati ta' Mali (EUTM Mali)** ..... 18

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/730/PESK tad-9 ta' Diċembru 2013 b'appoġġ għall-attivitajiet ta' SEESAC ta' diżarm u ta' kontroll ta' armi fix-Xlokk tal-Ewropa fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE għall-Ġlieda kontra l-Akkumulazzjoni u t-Traffikar Illeċiti ta' SALW u l-Munizzjon tagħhom** 19

2013/731/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Diċembru 2013 dwar in-notifika mill-Irlanda ta' pjan nazzjonali tranżitorju msemmi fl-Artikolu 32 tad-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali** *(notifikata bid-dokument C(2013) 8638)* ..... 31

2013/732/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-konklużjonijiet tal-aqwa tekniki disponibbli (BAT), skont id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-emissjonijiet industrijali. għall-produzzjoni tal-chlor-alkali** *(notifikata bid-dokument C(2013) 8589)* [1] ..... 34

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

2013/733/UE:

★ **Deċiżjoni Nru 1/2013 tal-Kumitat Konġunt għall-Agrikoltura tat-28 ta' Novembru 2013 dwar l-emenda tal-Anness 10 għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ tal-prodotti agrikoli** ..... 49

MT

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1279/2013

**tad-9 ta' Diċembru 2013**

**li japprova emenda mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Aceto balsamico tradizionale di Reggio Emilia (DPO)]**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u partikolarment l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni tal-Italja għall-approvazzjoni ta' emenda fl-ispeċifikazzjoni tad-denominazzjoni protetta tal-oriġini "Aceto balsamico tradizionale di Reggio Emilia", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 813/2000 ([2]).

(2) Billi l-emenda kkonċernata mhijiex minuri skont it-tifsira tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni ppubblikat l-applikazzjoni għal emenda f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, kif stipulat fl-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament imsemmi ([3]).

(3) Billi l-Kummissjoni ma ġiet innotifikata bl-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-emenda għall-ispeċifikazzjoni għandha tiġi approvata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-emenda għall-ispeċifikazzjoni, ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li tikkonċerna d-denominazzjoni mniżżla fl-Anness ta' dan ir-Regolament, hija b'dan approvata.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Dacian CIOLOŞ
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) ĠU L 100, 20.4.2000, p. 5.
([3]) ĠU C 172, 18.6.2013, p. 8.

*ANNESS*

Prodotti agrikoli maħsuba għall-konsum uman elenkati fl-Anness I tat-Trattat:

**Klassi 1.8. Prodotti oħra tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar; eċċ.)**

L-ITALJA

Aceto balsamico tradizionale di Reggio Emilia (DPO)

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1280/2013

## tad-9 ta' Diċembru 2013

## li japprova emenda mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-Reġistru tad-Denominazzjoni Protetta tal-Oriġini u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti [Cítricos Valencianos/Cítrics Valencians (IĠP)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni ta' Spanja għall-approvazzjoni ta' emenda fl-Ispeċifikazzjoni tal-Indikazzjoni Ġeografika Protetta "Cítricos Valencianos"/"Cítrics Valencians", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2003 ([2]).

(2) Billi l-emenda kkonċernata mhijiex minuri fis-sens tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni ppubblikat it-talba għal emenda f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]), kif stipulat fl-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament imsemmi.

(3) Billi l-Kummissjoni ma ġiet innotifikata bl-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1151/2012, l-emenda għall-Ispeċifikazzjoni għandha tiġi approvata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-emenda għall-Ispeċifikazzjoni, ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,* li tikkonċerna d-denominazzjoni mniżżla fl-Anness ta' dan ir-Regolament, hija b'dan approvata.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kummissjoni*
*F'isem il-President,*
Dacian CIOLOȘ
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) ĠU L 124, 20.5.2003, p. 17.
([3]) ĠU C 168, 14.6.2013, p. 26.

*ANNESS*

Prodotti agrikoli maħsuba għall-konsum mill-bniedem elenkati fl-Anness I tat-Trattat:

**Klassi 1.6. Frott, ħaxix u ċereali fl-istat naturali tagħhom jew ipproċessati**

SPANJA

Cítricos Valencianos/Cítrics Valencians (IĠP)

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1281/2013**

**tal-10 ta' Diċembru 2013**

**li jistipula r-regoli għall-ġestjoni u d-distribuzzjoni tal-kwoti tat-tessuti stabbiliti għas-sena 2014 skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 517/94**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 517/94 tas-7 ta' Marzu 1994 dwar regoli komuni għall-importazzjoni ta' prodotti tessili minn għadd ta' terzi pajjiżi mhux koperti minn ftehim bilaterali, protokolli jew arranġamenti oħra, jew minn regoli tal-importazzjoni speċifika tal-Komunità [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 17(3) u (6) u l-Artikolu 21(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 517/94 stabbilixxa restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tessili li joriġinaw minn ċerti pajjiżi terzi biex jiġu allokati fuq bażi ta' min ikun l-ewwel, jinqeda l-ewwel.

(2) Skont dak ir-Regolament huwa possibbli li f'ċerti ċirkustanzi jintużaw metodi oħra ta' allokazzjoni, jinqasmu l-kwoti f'qatgħat, jew li jiġi riżervat proporzjon ta' limitu kwantitattiv speċifiku esklużivament għall-applikazzjonijiet li huma sostnuti mill-evidenza tar-riżultati tar-rendiment tal-importazzjoni fl-imgħoddi.

(3) Ir-regoli għall-ġestjoni tal-kwoti stabbiliti għall-2014 għandhom jiġu adottati qabel ma tibda s-sena tal-kwota biex b'hekk il-kontinwità fil-flussi tal-kummerċ ma tiġix affettwata mingħajr bżonn.

(4) Il-miżuri adottati fis-snin ta' qabel, bħal dawk li hemm fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1163/2012 [2], urew li huma sodisfaċenti u għalhekk huwa xieraq li jiġu adottati regoli simili għall-2014.

(5) Sabiex jiġi ssodisfat l-akbar numru ta' operaturi possibbli huwa xieraq li l-metodu ta' allokazzjoni ta' "min ikun l-ewwel, jinqeda l-ewwel" isir aktar flessibbli billi jitpoġġa limitu massimu fuq il-kwantitajiet li jistgħu jkunu allokati lil kull operatur b'dak il-metodu.

(6) Sabiex jiġi ggarantit livell ta' kontinwità fil-kummerċ u l-ġestjoni effiċjenti tal-kwoti, l-operaturi għandhom jitħallew jagħmlu l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni inizjali tagħhom għall-2014 ekwivalenti għall-kwantità li importaw fl-2013.

(7) Sabiex jinkiseb l-aħjar użu tal-kwantitajiet, operatur li uża tal-inqas nofs l-ammont diġà awtorizzat għandu jitħalla japplika għal ammont ieħor, u dan kemm-il darba l-kwantitajiet ikunu disponibbli fil-kwoti.

(8) Sabiex tkun żgurata ġestjoni tajba, l-awtorizzazzjonijiet tal-importazzjoni għandhom ikunu validi għal disa' xhur mid-data tal-ħruġ iżda sa mhux aktar tard mill-aħħar tas-sena. L-Istati Membri għandhom joħorġu l-liċenzji biss wara li jkunu notifikati mill-Kummissjoni li l-kwantitajiet huma disponibbli u joħorġuhom biss jekk l-operatur jista' jipprova l-eżistenza ta' kuntratt u jista' jiċċertifika, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni speċifika li tgħid il-kuntrarju, li hu għadu ma ġiex allokat awtorizzazzjoni ta' importazzjoni lejn il-Komunità f'konformità ma' dan ir-Regolament għall-kategoriji u l-pajjiżi kkonċernati. L-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, għandhom, madankollu jkunu awtorizzati, bi tweġiba għall-applikazzjonijiet tal-importaturi, biex jestendu bi tliet xhur u sal-31 ta' Marzu 2015, liċenzji li minnhom tal-anqas nofshom ġew użati sad-data tal-applikazzjoni.

(9) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tat-Tessuti stabbilit bl-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 517/94,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Dan ir-Regolament jistipula r-regoli tal-ġestjoni tal-kwoti kwantitattivi għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tessili stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 517/94 għas-sena 2014.

[1] ĠU L 67, 10.3.1994, p. 1.
[2] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1163/2012 tas-7 ta' Diċembru 2012 li jistipula regoli għall-ġestjoni u d-distribuzzjoni tal-kwoti tat-tessuti stabbiliti għas-sena 2013 skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 517/94 (ĠU L 336, 8.12.2012, p. 22).

*Artikolu 2*

Il-kwoti msemmija fl-Artikolu 1 ikunu allokati kronoloġikament skont meta l-Kummissjoni tkun irċeviet in-notifiki mill-Istati Membri tal-applikazzjonijiet minn operaturi individwali, u dan għal ammonti li ma jaqbżux il-kwantitajiet massimi għal kull operatur stipulati fl-Anness I.

Il-kwantitajiet massimi ma għandhomx, madankollu, japplikaw għal operaturi li jkunu kapaċi jagħtu prova lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, meta jagħmlu l-ewwel applikazzjoni tagħhom għall-2014, li, fir-rigward ta' kategoriji partikolari u pajjiżi terzi partikolari, importaw aktar mill-kwantitajiet massimi speċifikati għal kull kategorija skont il-liċenzji ta' importazzjoni mogħtija lilhom għall-2013.

Fil-każ ta' operaturi bħal dawn, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw importazzjonijiet ta' mhux aktar mill-kwantitajiet importati fl-2013 minn pajjiżi terzi partikolari u f'kategoriji partikolari, u dan kemm-il darba jkun hemm biżżejjed kapaċità ta' kwota disponibbli.

*Artikolu 3*

Kwalunkwe importatur li jkun diġà uża sa 50 % jew aktar mill-ammont allokat lilu skont dan ir-Regolament jista' jagħmel applikazzjoni oħra, fir-rigward tal-istess kategorija u tal-istess pajjiż ta' oriġini, għal ammonti li ma jaqbżux il-kwantitajiet massimi stipulati fl-Anness I.

*Artikolu 4*

1. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti elenkati fl-Anness II jistgħu, mill-10.00 ta' filgħodu tat-8 ta' Jannar 2014, javżaw lill-Kummissjoni bl-ammonti koperti mit-talbiet ta' awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni.

Il-ħin stabbilit fl-ewwel subparagrafu għandu jinftiehem bħala l-ħin ta' Brussell.

2. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti joħorġu awtorizzazzjonijiet biss wara li jkunu ġew innotifikati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KE) Nru 517/94 li l-kwantitajiet huma disponibbli għall-importazzjoni.

Huma joħorġu l-awtorizzazzjonijiet biss jekk operatur:

(a) jagħti prova tal-eżistenza ta' kuntratt li jikkonċerna l-provvista tal-merkanzija; u

(b) jiċċertifika bil-miktub li, fir-rigward tal-kategoriji u tal-pajjiżi kkonċernati:

(i) l-operatur ma kienx ġie allokat diġà awtorizzazzjoni skont dan ir-Regolament; jew

(ii) l-operatur ġie allokat awtorizzazzjoni skont dan ir-Regolament iżda uża tal-anqas 50 % minnha.

3. L-awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni jkunu validi għal disa' xhur mid-data tal-ħruġ, iżda sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2014.

Madankollu, fuq talba tal-importatur, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu jagħtu estensjoni ta' tliet xhur għall-awtorizzazzjonijiet li jkun ntuża minn tal-anqas 50 % minnhom meta ssir it-talba. Estensjoni bħal din ma għandha qatt tiskadi aktar tard mill-31 ta' Marzu 2015.

*Artikolu 5*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2014.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS I*

**Ammonti massimi msemmija fl-Artikoli 2 u 3**

| Pajjiż ikkonċernat | Kategorija | Unità | Ammont massimu |
|---|---|---|---|
| Il-Bjelorussja | 1 | Kilogrammi | 20 000 |
| | 2 | Kilogrammi | 80 000 |
| | 3 | Kilogrammi | 5 000 |
| | 4 | Biċċiet | 20 000 |
| | 5 | Biċċiet | 15 000 |
| | 6 | Biċċiet | 20 000 |
| | 7 | Biċċiet | 20 000 |
| | 8 | Biċċiet | 20 000 |
| | 15 | Biċċiet | 17 000 |
| | 20 | Kilogrammi | 5 000 |
| | 21 | Biċċiet | 5 000 |
| | 22 | Kilogrammi | 6 000 |
| | 24 | Biċċiet | 5 000 |
| | 26/27 | Biċċiet | 10 000 |
| | 29 | Biċċiet | 5 000 |
| | 67 | Kilogrammi | 3 000 |
| | 73 | Biċċiet | 6 000 |
| | 115 | Kilogrammi | 20 000 |
| | 117 | Kilogrammi | 30 000 |
| | 118 | Kilogrammi | 5 000 |

| Pajjiż ikkonċernat | Kategorija | Unità | Ammont massimu |
|---|---|---|---|
| Il-Korea ta' Fuq | 1 | Kilogrammi | 10 000 |
| | 2 | Kilogrammi | 10 000 |
| | 3 | Kilogrammi | 10 000 |
| | 4 | Biċċiet | 10 000 |
| | 5 | Biċċiet | 10 000 |
| | 6 | Biċċiet | 10 000 |
| | 7 | Biċċiet | 10 000 |

| Pajjiż ikkonċernat | Kategorija | Unità | Ammont massimu |
|---|---|---|---|
| | 8 | Biċċiet | 10 000 |
| | 9 | Kilogrammi | 10 000 |
| | 12 | Pari | 10 000 |
| | 13 | Biċċiet | 10 000 |
| | 14 | Biċċiet | 10 000 |
| | 15 | Biċċiet | 10 000 |
| | 16 | Biċċiet | 10 000 |
| | 17 | Biċċiet | 10 000 |
| | 18 | Kilogrammi | 10 000 |
| | 19 | Biċċiet | 10 000 |
| | 20 | Kilogrammi | 10 000 |
| | 21 | Biċċiet | 10 000 |
| | 24 | Biċċiet | 10 000 |
| | 26 | Biċċiet | 10 000 |
| | 27 | Biċċiet | 10 000 |
| | 28 | Biċċiet | 10 000 |
| | 29 | Biċċiet | 10 000 |
| | 31 | Biċċiet | 10 000 |
| | 36 | Kilogrammi | 10 000 |
| | 37 | Kilogrammi | 10 000 |
| | 39 | Kilogrammi | 10 000 |
| | 59 | Kilogrammi | 10 000 |
| | 61 | Kilogrammi | 10 000 |
| | 68 | Kilogrammi | 10 000 |
| | 69 | Biċċiet | 10 000 |
| | 70 | Pari | 10 000 |
| | 73 | Biċċiet | 10 000 |
| | 74 | Biċċiet | 10 000 |
| | 75 | Biċċiet | 10 000 |
| | 76 | Kilogrammi | 10 000 |
| | 77 | Kilogrammi | 5 000 |

| Pajjiż ikkonċernat | Kategorija | Unità | Ammont massimu |
|---|---|---|---|
| | 78 | Kilogrammi | 5 000 |
| | 83 | Kilogrammi | 10 000 |
| | 87 | Kilogrammi | 8 000 |
| | 109 | Kilogrammi | 10 000 |
| | 117 | Kilogrammi | 10 000 |
| | 118 | Kilogrammi | 10 000 |
| | 142 | Kilogrammi | 10 000 |
| | 151 A | Kilogrammi | 10 000 |
| | 151B | Kilogrammi | 10 000 |
| | 161 | Kilogrammi | 10 000 |

*ANNESS II*

**Lista tal-uffiċċji tal-liċenzji msemmija fl-Artikolu 4**

1. **Il-Belġju**

FOD Economie, KMO, Middenstand en Energie (*Ekonomija tas-Servizz Pubbliku Federali, SMEs, Ħaddiema għal rashom u Enerġija*)
Algemene Directie Economisch Potentieel
Dienst Vergunningen
Vooruitgangstraat 50
B-1210 Brussel
Telefown: + 32 (0) 2 277 67 13
Faks: + 32 (0) 2 277 50 63

SPF Economie, PME, Classes moyennes et Energie (*Ekonomija tas-Servizz Pubbliku Federali, SMEs, Ħaddiema għal rashom u Enerġija*)
Direction générale Potentiel économique
Service Licences
Rue du Progrès 50
B-1210 Bruxelles
Telefown: + 32 (0) 2 277 67 13
Faks: + 32 (0) 2 277 50 63

2. **Il-Bulgarija**

Министерство на икономиката, енергетиката и туризма
Дирекция „Регистриране, лицензиране и контрол"
ул. „Славянска" № 8
1052 София
Тел.: +359 29 40 7008 / +359 29 40 7673 / +359 29 40 7800
Факс: +359 29 81 5041 / +359 29 80 4710 /+359 29 88 3654

*Il-Ministeru għall-Ekonomija, l-Enerġija u t-Turiżmu*
*8, Slavyanska Str., Sofija 1052, il-Bulgaria*
*Telefown: +359 29 40 7008 / +359 29 40 7673 / +359 29 40 7800*
*Faks: +359 29 81 5041 / +359 29 80 4710 /+359 29 88 3654*

3. **Ir-Repubblika Ċeka**

Ministerstvo průmyslu a obchodu (*Il-Ministeru għall-Industrja u l-Kummerċ*)
Licenční správa
Na Františku 32
CZ – 110 15 Praha 1
Telefown: (420) 224 907 111
Faks: (420) 224 212 133

4. **Id-Danimarka**

Erhvervs- og vækstministeriet (*Il-Ministeru għan-Negozju u t-Tkabbir*)
Erhvervsstyrelsen
Langelinje Allé 17
DK - 2100 København
Telefown: (45) 35 46 60 30
Faks: (45) 35 46 60 29

5. **Il-Ġermanja**

Bundesamt für Wirtschaft und Ausfuhrkontrolle (BAFA) [*L-Uffiċċju Federali għall-Ekonomija u għall-Kontroll tal-Esportazzjoni*]
Frankfurter Str. 29-35
D-65760 Eschborn
Telefown: (49 61 96) 908-0
Faks: (49 61 96) 908 800

6. **L-Estonja**

Majandus- ja Kommunikatsiooniministeerium (*Il-Ministeru għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Komunikazzjoni*)
Harju 11
EST-15072 Tallinn
Estonia
Telefown: (372) 6256 400
Faks: (372) 6313 660

7. **L-Irlanda**

Department of Enterprise, Trade and Employment (*Id-Dipartiment tal-Intrapriża, il-Kummerċ u l-Impjiegi*)
Internal Market
Kildare Street
IRL-Dublin 2
Telefown: (353 1) 631 21 21
Faks: (353 1) 631 28 26

8. **Il-Greċja**

Υπουργείο Ανάπτυξης, Ανταγωνιστικότητας & Ναυτιλίας
Γενική Διεύθυνση Διεθνούς Οικονομικής Πολιτικής
Διεύθυνση Καθεστώτων Εισαγωγών-Εξαγωγών, Εμπορικής Άμυνας
Κορνάρου 1
GR-105 63 Αθήνα
Τηλ. (+30) 210 3286041-43, 210 3286021
Faks: (+30) 210 3286094

*Il-Ministeru għall-Iżvilupp, il-Kompetittività u it-Trasport Marittimu,*
*Id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Ekonomika Internazzjonali,*
*Id-Direttorat għall-Proċeduri ta' Importazzjoni-Esportazzjoni, Strumenti għad-Difiża Kummerċjali*
*Unità A'*
*1 Kornarou Str.*
*GR-10563 Ateni*
*Telefown: (+30) 210 3286041-43, 210 3286021*
*Faks: (+30) 210 3286094*

9. **Spanja**

Ministerio de Economía y Competitividad (*Il-Ministeru għall-Ekonomija u l-Kompetittività*)
Dirección General de Comercio e Inversiones
Paseo de la Castellana n° 162
E-28046 Madrid
Telefown: (34 91) 349 38 17, 349 38 74
Faks: (34 91) 349 38 31
Email: sgindustrial.sscc@comercio.mineco.es

10. **Franza**

Ministère du Redressement Productif
(*Il-Ministeru għall-Irkupru tal-Produzzjoni*)
Direction générale de la compétitivité, de l'industrie et des services
Bureau des matérieaux
BP 80001
67, Rue Barbès
F-94201 Ivry-sur-Seine CEDEX
Telefown: (+33) 1 79 84 34 49
Email: isabelle.paimblanc@finances.gouv.fr

11. **Il-Kroazja**

Ministarstvo vanjskih i europskih poslova (*Il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej*)
Trg N. Š. Zrinskog 7-8
10000 Zagreb
Telefown: 00 385 1 6444626
Faks: 00 385 1 6444601

12. **L-Italja**

Ministero dello Sviluppo Economico (*Il-Ministeru għall-Iżvilupp Ekonomiku*)
Dipartimento per l'impresa e l'internazionalizzazione
(*Id-Dipartiment għall-Impriżi u għall-Internazzjonalizzazzjoni*)
Direzione Generale per la Politica Commerciale Internazionale
(*Id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Kummerċjali Internazzjonali*)
Divisione III - Politiche settoriali (Taqsima III - Politiki Settorjali)
Viale Boston, 25
I - 00144 Roma
Telefown: (39 06) 5964 7517, 5993 2202, 5993 2406
Faks: (39 06) 5993 2263, 5993 2636
Email: polcom3@mise.gov.it

13. **Ċipru**

Ministry of Commerce, Industry and Tourism (*Il-Ministeru għall-Kummerċ, l-Industrija u t-Turiżmu*)
Trade Department (*Id-Dipartiment tal-Kummerċ*)
6 Andrea Araouzou Str.
CY-1421 Nicosia
Telefown: ++357 2 867100
Faks: ++357 2 375120

14. **Il-Latvja**

Latvijas Republikas Ekonomikas ministrija (*Il-Ministeru għall-Ekonomija tar-Repubblika tal-Latvja*)
Brīvības iela 55
LV-1519 Rīga
Telefown: 00 371 670 132 48
Faks: 00 371 672 808 82

15. **Il-Litwanja**

Lietuvos Respublikos ūkio ministerija (*Il-Ministeru għall-Ekonomija tar-Repubblika tal-Litwanja*)
Gedimino pr. 38 / Vasario 16-osios g. 2
LT-01104 Vilnius, Lietuva
Telefown: +370 706 64 658, +370 706 64 808
Faks: +370 706 64 762
Email: vienaslangelis@ukmin.lt

16. **Il-Lussemburgu**

Ministère de l'Economie et du Commerce Exterieur (*Il-Ministeru għall-Ekonomija u l-Kummerċ Barrani*)
Office des licences
Boîte postale 113
L-2011 Luxembourg
Telefown: (352) 47 82 371
Faks: (352) 46 61 38

17. **L-Ungerija**

Magyar Kereskedelmi Engedélyezési Hivatal
(*L-Uffiċċju Ungeriż tal-Liċenzji Kummerċjali*)
Budapest
Németvölgyi út 37-39.
1124
MAGYARORSZÁG
Telefown: +36 1458 5503
Faks: +36 1458 5814
Email: keo@mkeh.gov.hu

18. **Malta**

Il-Ministeru għall-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment
Id-Dipartiment tal-Kummerċ, id-Direttorat għas-Servizzi Kummerċjali
Lascaris
Valletta VLT 2000
Malta
Telefown: 00 356 256 90 202
Faks: 00 356 212 37 112

19. **Il-Pajjiżi l-Baxxi**

Belastingdienst/Douane (*L-Amministrazzjoni Doganali*)
centrale dienst voor in- en uitvoer
Kempkensberg 12
Postbus 30003
NL-9700 RD Groningen
Telefown: (31 88) 15 12 122
Faks: (31 88) 15 13 182

20. **L-Awstrija**

Bundesministerium für Wirtschaft, Familie und Jugend (*Il-Ministeru Federali għall-Ekonomija, il-Familja u ż-Żgħażagħ*)
Außenwirtschaftskontrolle
Abteilung C2/9
Stubenring 1, A-1011 Wien
Telefown: (43 1) 71100-0
Faks: (43 1) 71100-8386

21. **Il-Polonja**

Ministerstwo Gospodarki (*Il-Ministeru għall-Ekonomija*)
Pl.Trzech Krzyzy 3/5
PL-00-950 Warszawa
Telefown: 0048/22/693 55 53
Faks: 0048/22/693 40 21

22. **Il-Portugall**

Ministério das Finanças (*Il-Ministeru għall-Finanzi*)
Direção Geral das Alfândegas e dos Impostos Especiais sobre o Consumo
Rua Terreiro do Trigo
Edifício da Alfândega
P-1149-060 LISBOA
Telefown: (351-1) 218 814 263
Faks: (351-1) 218 814 261
Email: dsl@dgaiec.min-financas.pt

23. **Ir-Rumanija**

Ministerul Economiei *(Il-Ministeru għall-Ekonomija)*
Comerțului și Mediului de Afaceri
Direcția Politici Comerciale
Calea Victoriei, nr.152, sector 1
București
Cod poștal: 010096
Telefown: (40-21) 315.00.81
Faks: (40-21) 315.04.54
Email: clc@dce.gov.ro

24. **Is-Slovenja**

Ministrstvo za finance (*Il-Ministeru għall-Finanzi*)
Carinska uprava Republike Slovenije
Carinski urad Jesenice
Center za TARIC in kvote
Spodnji Plavž 6 c
4270 Jesenice
Slovenija
Telefown: +386(0)4 297 44 70
Faks: +386(0)4 297 44 72
Email: taric.cuje@gov.si

25. **Is-Slovakkja**

Ministerstvo hospodárstva SR (*Il-Ministeru għall-Ekonomija tar-Repubblika Slovakka*)
Odbor výkonu obchodných opatrení
Mierová 19
SK-827 15 Bratislava
Telefown: 00 421 2 4854 7019
Faks: 00 421 2 4342 3915
Email: jan.krocka@mhsr.sk

26. **Il-Finlandja**

Tullihallitus (*Il-Bord Nazzjonali tad-Dwana)*
PL 512
FIN-00101 Helsinki
Telefown: (358 9) 61 41
Faks: (358 20) 492 2852

Tullstyrelsen (*Il-Bord Nazzjonali tad-Dwana)*
PB 512
FIN-00101 Helsingfors
Faks: (358-20) 492 28 52

27. **L-Isvezja**

Kommerskollegium (*Il-Bord Nazzjonali tal-Kummerċ*)
Box 6803
S-113 86 Stockholm
Telefown: (46 8) 690 48 00
Faks: (46 8) 30 67 59
Email: registrator@kommers.se

28. **Ir-Renju Unit**

Import Licensing Branch (ILB) (*il-fergħa responsabbli mil-Liċenzji ta' Importazzjoni*)
Department for Business, Innovation and Skills (*Id-Dipartiment għan-Negozju, l-Innovazzjoni u l-Ħiliet*)
E-Mail: enquiries.ilb@bis.gsi.gov.uk

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1282/2013

## tal-10 ta' Diċembru 2013

## li jikkoreġi l-verżjoni tal-lingwa Pollakka tar-Regolament (KE) Nru 2508/2000 li jippreskrivi regoli ddettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 rigward il-programmi ta' ħidma fis-settur tas-sajd

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 9(5) u l-Artikolu 10(4) tiegħu,

Billi:

(1) Sar żball fl-Artikolu 12 tal-verżjoni tal-lingwa Pollakka tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2508/2000 tal-15 ta' Novembru 2000 li jippreskrivi regoli ddettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 rigward il-programmi ta' ħidma fis-settur tas-sajd ([2]). Għaldaqstant, jeħtieġ li l-verżjoni bil-lingwa Pollakka tiġi kkoreġuta. Il-verżjonijiet bil-lingwi l-oħra mhumiex affettwati.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 2508/2000 għandu għalhekk jiġi kkoreġut skont dan. Sabiex jiġu eliminati l-iżbalji fl-att li qed jiġi kkoreġut mill-aktar fis possibbli, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu.

(3) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Prodotti tas-Sajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Jikkonċerna biss il-verżjoni bil-lingwa Pollakka.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

([1]) ĠU L 17, 21.1.2000, p. 22.
([2]) ĠU L 289, 16.11.2000, p. 8.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1283/2013

## tal-10 ta' Diċembru 2013

## li jikkoreġi l-verżjoni Franċiża tar-Regolament (KE) Nru 865/2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun irregolat il-kummerċ fihom [1], u b'mod partikolari, l-Artikolu 19(2), (3) u (4) tiegħu,

Billi:

(1) Hemm żball fil-verżjoni bl-ilsien Franċiż tal-Anness VII tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006 tal-4 ta' Mejju 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom [2]. L-iżball, li ma jeffettwax il-validità tal-permessi u ċ-ċertifikati jew l-applikazzjonijiet għall-permessi u ċ-ċertifikati, tikkonċerna l-kodiċi assenjat lid-deskrizzjoni tal-kampjun "Kavjar".

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 865/2006 għalhekk għandu jiġi kkoreġut skont dan.

(3) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ fil-Fawna u l-Flora Selvaġġi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Jikkonċerna biss il-verżjoni bil-lingwa Franċiża.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

---

[1] ĠU L 61, 3.3.1997, p. 1.

[2] ĠU L 166, 19.6.2006, p. 1.

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1284/2013

## tal-10 ta' Diċembru 2013

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS unika) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | AL | 45,1 |
| | IL | 200,7 |
| | MA | 84,7 |
| | TN | 102,7 |
| | TR | 130,3 |
| | ZZ | 112,7 |
| 0707 00 05 | AL | 59,9 |
| | MA | 158,2 |
| | TR | 134,0 |
| | ZZ | 117,4 |
| 0709 93 10 | MA | 158,9 |
| | TR | 183,4 |
| | ZZ | 171,2 |
| 0805 10 20 | AR | 30,3 |
| | MA | 36,7 |
| | TR | 64,2 |
| | ZA | 58,8 |
| | ZW | 19,7 |
| | ZZ | 41,9 |
| 0805 20 10 | MA | 54,1 |
| | ZZ | 54,1 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | IL | 107,2 |
| | JM | 138,2 |
| | TR | 67,3 |
| | ZZ | 104,2 |
| 0805 50 10 | TR | 65,9 |
| | ZZ | 65,9 |
| 0808 10 80 | BA | 78,8 |
| | MK | 39,0 |
| | US | 165,4 |
| | ZA | 199,9 |
| | ZZ | 120,8 |
| 0808 30 90 | TR | 121,5 |
| | US | 211,2 |
| | ZZ | 166,4 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tat-2 ta' Diċembru 2013**

**Li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ fir-rigward tal-estensjoni tal-moratorju fuq dazji doganali fuq trażmissjonijiet elettroniċi u l-moratorju fuq ilmenti mhux marbuta ma' vjolazzjoni u lmenti dwar sitwazzjonijiet**

(2013/728/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Moratorju fuq dazji doganali fuq trażmissjonijiet elettroniċi ("il-moratorju dwar il-kummerċ elettroniku") b'effett illi l-membri tad-WTO għandhom ikomplu l-prattika preżenti li ma jimponux dazji doganali fuq trasmissjonijiet elettroniċi ġie adottat fil-forma ta' dikjarazzjoni fil-Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) tal-1998.

(2) Attwalment il-moratorju jieħu l-forma ta' deċiżjoni tal-Konferenza Ministerjali tad-WTO, li ġiet imġedda kull sentejn sa mill-1998. Il-moratorju ġie estiż l-aħħar fil-Konferenza Ministerjali tad-WTO f'Diċembru 2011 sal-2013.

(3) L-ebda kunsens dwar il-projbizzjoni jew l-awtorizzazzjoni ta' ilmenti mhux marbuta ma' vjolazzjoni u ilmenti dwar sitwazzjonijiet skont il-Ftehim TRIPS ma kien possibbli, sa issa. Id-Dikjarazzjoni adotatta fil-Konferenza Ministerjali tad-WTO f'Hong Kong fl-2005 tiddikjara: "Aħna nieħdu nota tal-ħidma mwettqa mill-Kunsill għall-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali Relatati mal-Kummerċ skont il-paragrafu 11.1 tad-Deċiżjoni ta' Doha dwar Kwistjonijiet Relatati mal-Implimentazzjoni u Tħassib u l-paragrafu 1.h tad-Deċiżjoni adottata mill-Kunsill Ġenerali fl-1 ta' Awwissu 2004, u li nindirizzawha lejn it-tkomplija tal-analiżi tal-kamp ta' applikazzjoni u l-modalitajiet għall-ilmenti tat-tipi previsti taħt is-subparagrafi 1(b) u 1(c) tal-Artikolu XXIII tal-GATT 1994 u nagħmlu rakkomandazzjonijiet għas-Sessjoni li jmiss tagħna. Huwa miftiehem li, sadanittant, il-Membri mhux se jniedu dawn l-ilmenti skont il-Ftehim TRIPS."

(4) Il-proċedura għall-estensjonijiet suċċessivi tal-moratorju fuq l-ilmenti mhux marbuta ma' vjolazzjoni u l-ilmenti dwar sitwazzjonijiet s'issa kienet permezz tal-adozzjonio ta' deċiżjoni tal-Konferenza Ministerjali tad-WTO li ġiet wara rakkomandazzjoni mill-Kunsill għal Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali Relatati mal-Kummerċ.

(5) Huwa fl-interess tal-Unjoni li tagħti l-appoġġ tagħha għall-estensjoni tal-moratorju dwar il-kummerċ elettroniku u l-moratorju dwar l-ilmenti mhux marbuta ma' vjolazzjoni u l-ilmenti dwar sitwazzjonijiet.

(6) Huwa xieraq, għalhekk, li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni fi ħdan il-Konferenza Ministerjali tad-WTO rigward l-estensjoni tal-moratorju fuq il-kummerċ elettroniku u l-moratorju dwar l-ilmenti mhux marbuta ma' vjolazzjoni u l-ilmenti dwar sitwazzjonijiet,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ għandha tkun li tappoġġja l-estensjoni sal-Konferenza Ministerjali tad-WTO li jmiss, tal-moratorju fuq dazji doganali fuq trażmissjonijiet elettroniċi ("il-moratorju dwar il-kummerċ elettroniku") u tal-moratorju dwar ilmenti mhux marbuta ma' vjolazzjoni u lmenti dwar sitwazzjonijiet, kif stabbiliti fl-abbozzi ta' deċiżjonijiet tad-WTO li ġejjin:

— ilmenti mhux marbuta ma' vjolazzjoni u lmenti dwar sitwazzjonijiet TRIPS […],

— kummerċ elettroniku […].

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. GUSTAS

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2013/729/PESK

## tad-9 ta' Diċembru 2013

## li temenda d-Deċiżjoni 2013/34/PESK dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati ta' Mali (EUTM Mali)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 42(4) u 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Jannar 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/34/PESK [1] dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati ta' Mali (EUTM Mali).

(2) Fit-18 ta' Frar 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/87/PESK [2] dwar il-bidu ta' EUTM Mali.

(3) EUTM Mali għandha tiġi pprovduta b'ċellula ta' proġetti għall-immaniġġjar tal-proġetti b'appoġġ tal-objettivi tagħha.

(4) Id-Deċiżjoni 2013/34/PESK għandha tiġi emendata kif adatt,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fid-Deċiżjoni 2013/34/PESK, l-Artikolu li ġej huwa miżjud:

"*Artikolu 3a*

**Ċellula ta' proġetti**

1. EUTM Mali għandu jkollha ċellula ta' proġetti għall-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-proġetti. Il-Missjoni għandha, kif inhu xieraq, tikkoordina, tiffaċilita u tipprovdi pariri dwar proġetti implimentati mill-Istati Membri u Stati terzi, taħt ir-responsabbiltà tagħhom, f'oqsma relatati mal-mandat tal-Missjoni u b'appoġġ tal-objettivi tagħha.

2. Soġġett għall-paragrafu 3, il-Kmandant tal-Missjoni tal-UE għandu jkun awtorizzat li jfittex rikors għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri jew Stati terzi sabiex jiġu implimentati proġetti identifikati bħala li jissupplimentaw l-azzjonijiet l-oħra ta' EUTM Mali b'mod konsistenti. F'tali każ, il-Kmandant tal-Missjoni tal-UE għandu jikkonkludi arranġament ma' dawk l-Istati, li jkopri b'mod partikolari l-proċeduri speċifiċi biex jiġi ttrattat kwalunkwe ilment minn partijiet terzi rigward danni kkawżati bħala riżultat ta' atti jew ommissjonijiet mill-Kmandant tal-Missjoni tal-UE fl-użu tal-fondi pprovduti minn dawk l-Istati.

Taħt l-ebda ċirkostanza l-Unjoni jew ir-RGħ m'għandhom jinżammu responsabbli mill-Istati kontribwenti bħala riżultat ta' atti jew ommissjonijiet mill-Kmandant tal-Missjoni tal-UE fl-użu tal-fondi minn dawk l-Istati.

3. Il-KPS għandu jaqbel dwar l-aċċettazzjoni ta' kontribuzzjoni finanzjarja minn Stati terzi għaċ-ċellula ta' proġetti.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. PABEDINSKIENĖ

---

[1] ĠU L 14, 18.1.2013, p. 19.

[2] Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/87/PESK tat-18 ta' Frar 2013 dwar il-bidu ta' missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati ta' Mali (EUTM Mali) (ĠU L 46, 19.2.2013, p. 27).

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2013/730/PESK

## tad-9 ta' Diċembru 2013

## b'appoġġ għall-attivitajiet ta' SEESAC ta' diżarm u ta' kontroll ta' armi fix-Xlokk tal-Ewropa fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE għall-Ġlieda kontra l-Akkumulazzjoni u t-Traffikar Illeċiti ta' SALW u l-Munizzjon tagħhom

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 26(2) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-13 ta' Diċembru 2003, il-Kunsill Ewropew adotta Strateġija Ewropea ta' Sigurtà li tidentifika ħames sfidi prinċipali li trid tiffaċċa l-Unjoni: it-terroriżmu, il-proliferazzjoni tal-armi tal-qerda tal-massa, il-konflitti reġjonali, il-falliment tal-Istat u l-kriminalità organizzata. Il-konsegwenzi tal-manifatturar, it-trasferiment u ċ-ċirkolazzjoni illeċiti ta' armi konvenzjonali, inklużi armi ħfief u ta' kalibru żgħir (minn hawn 'il quddiem "SALW"), u l-akkumulazzjoni eċċessiva u t-tixrid mingħajr kontroll tagħhom huma ċentrali għal erbgħa minn dawn il-ħames sfidi. Huma jintensifikaw l-insigurtà fix-Xlokk tal-Ewropa, fir-reġjuni tal-viċinat u ħafna partijiet oħra tad-dinja, billi jiggravaw il-konflitt u jfixklu l-bini ta' paċi wara l-konflitt, u b'hekk joħolqu theddida serja għall-paċi u s-sigurtà.

(2) Fil-15 u s-16 ta' Diċembru 2005, il-Kunsill Ewropew adotta l-Istrateġija tal-UE għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-traffikar illeċiti ta' SALW u l-munizzjon tagħhom (minn hawn 'il quddiem l-"Istrateġija"), li tistabbilixxi l-linji gwida għal azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-SALW. L-Istrateġija tidentifika lill-Balkani u x-Xlokk tal-Ewropa bħala reġjuni partikolarment milquta mill-akkumulazzjoni eċċessiva u t-tixrid tas-SALW. Hija tiddikjara li l-Unjoni ser tagħti attenzjoni prijoritarja lill-Ewropa Ċentrali u l-Lvant tal-Ewropa u tissottolinja, b'referenza speċifika għall-Balkani, li appoġġ għal multilateraliżmu effettiv kif ukoll għal inizjattivi reġjonali rilevanti ser jipprovdi strument effettiv għall-implimentazzjoni tagħha. Hija tippromwovi wkoll b'mod speċifiku l-ħtieġa tas-sehem fl-isforzi biex jitnaqqsu l-ħażniet żejda tas-SALW fil-Lvant tal-Ewropa li ġejjin mill-Gwerra Bierda.

(3) Fit-Tieni Konferenza ta' Rieżami tal-2012 dwar il-Programm ta' Azzjoni tan-NU sabiex Jipprevjeni, Jikkumbatti, u Jeqred il-Kummerċ Illeċitu fis-SALW fl-Aspetti Kollha Tiegħu (minn hawn 'il quddiem il-"Programm ta' Azzjoni tan-NU"), li ġie adottat fl-20 ta' Lulju 2001, l-Istati Membri kollha tan-NU affermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom fil-prevenzjoni tat-traffikar illeċitu fis-SALW u ħeġġu miżuri biex ikomplu jsaħħu r-rwol effettiv li jista' jkollhom organizzazzjonijiet reġjonali u subreġjonali fl-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tan-NU u l-Istrument Internazzjonali li Jippermetti lill-Istati Jidentifikaw u Jittraċċaw, b'Mod f'Waqtu u Affidabbli, Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir Illeċiti (minn hawn 'il quddiem l-"Istrument Internazzjonali tat-Traċċar").

(4) Iċ-Ċentru tax-Xlokk u tal-Lvant tal-Ewropa għall-kontroll tal-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SEESAC), imwaqqaf fl-2002 f'Belgrad u li jiffunzjona taħt il-mandat konġunt tal-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti (UNDP) u l-Kunsill għall-Kooperazzjoni Reġjonali (suċċessur għall-Patt ta' Stabbiltà għax-Xlokk tal-Ewropa) jassisti lill-partijiet interessati nazzjonali u reġjonali fil-kontroll u t-tnaqqis tal-firxa u l-użu ħażin ta' SALW u munizzjon, u b'hekk jikkontribwixxi għal stabbiltà, sigurtà u żvilupp msaħħa fix-Xlokk u fil-Lvant tal-Ewropa. SEESAC jagħmel enfasi partikolari fuq l-iżvilupp ta' proġetti reġjonali biex tiġi indirizzata r-realtà tal-flussi transkonfinali tal-armi.

(5) L-Unjoni preċedentement appoġġat lil SEESAC permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/842/PESK, estiża u emendata bid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2003/807/PESK [1] u 2004/791/PESK [2]. Aktar reċentement, l-Unjoni appoġġat l-attivitajiet ta' SEESAC ta' kontroll tal-armi permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/179/PESK [3].

---

[1] Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2003/807/PESK tas-17 ta' Novembru 2003 li testendi u temenda d-Deċiżjoni 2002/842/PESK li tikkonċerna l-implimentazzjoni tal-Azzjoni Konġunta 2002/589/PESK sabiex l-Unjoni Ewropea tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u l-firxa ta' armamenti żgħar fix-Xlokk ta' l-Ewropa (ĠU L 302, 20.11.2003, p. 39).

[2] Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/791/PESK tat- 22 ta' Novembru 2004 li testendi u temenda d-Deċiżjoni 2002/842/PESK li timplimenta l-Azzjoni Konġunta 2002/589/PESK bil-ħsieb ta' kontribut tal-Unjoni Ewropea għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-tixrid destabbilizzanti ta' armi żgħar u armamenti ħfief fl-Ewropa tax-Xlokk (ĠU L 348, 24.11.2004, p. 46).

[3] Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/179/PESK tal-11 ta' Marzu 2010 b'appoġġ għall-attivitajiet tas-SEESAC fil-kontroll ta' armi fil-Balkani tal-Punent, fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-traffikar illeċiti tas-SALW u tal-munizzjon tagħhom (ĠU L 80, 26.3.2010, p. 48).

(6) L-UE tixtieq tiffinanzja Proġett ulterjuri ta' SEESAC dwar it-Tnaqqis tat-Theddida tat-Tixrid u t-Traffikar Illeċiti tal-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SALW) u l-Munizzjon tagħhom fix-Xlokk tal-Ewropa, biex tkompli l-kontribut tagħha fit-tnaqqis tar-riskju tal-kummerċ illeċitu tagħhom sabiex tikseb l-għanijiet imsemmija hawn fuq,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Bil-ħsieb tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-traffikar illeċiti tal-armi ħfief u ta' kalibru żgħir u l-munizzjon tagħhom u l-promozzjoni tal-paċi u s-sigurtà, l-attivitajiet tal-proġett dwar it-Tnaqqis tat-Theddida tat-Tixrid u t-Traffikar Illeċiti tas-SALW u l-Munizzjon tagħhom fix-Xlokk tal-Ewropa li għandhom jiġu appoġġati mill-Unjoni għandu jkollhom l-objettivi speċifiċi li ġejjin:

— li tiżdied is-sigurtà ta' ħażniet ta' SALW u l-munizzjon tagħhom fix-Xlokk tal-Ewropa,

— li jitnaqqsu l-ħażniet disponibbli ta' SALW u l-munizzjon tagħhom permezz ta' attivitajiet tal-qerda fix-Xlokk tal-Ewropa,

— li jkun hemm titjib fl-identifikazzjoni u t-traċċar permezz tal-għoti ta' appoġġ għall-istabbiliment jew it-titjib tas-sistemi elettroniċi għar-reġistrazzjoni u ż-żamma ta' rekords tal-armi fix-Xlokk tal-Ewropa,

— li jissaħħu l-kontrolli fuq is-SALW u l-munizzjon tagħhom permezz tat-trawwim u l-iffaċilitar tal-kondiviżjoni tal-għarfien, l-iskambju tal-informazzjoni u s-sensibilizzazzjoni permezz ta' kooperazzjoni reġjonali eqreb fix-Xlokk tal-Ewropa,

— li jingħata appoġġ għall-ġbir ta' SALW, tagħmir splussiv, artillerija u munizzjon assoċjat illegali miżmuma mill-popolazzjoni tal-pajjiżi tax-Xlokk tal-Ewropa.

L-Unjoni għandha tiffinanzja l-proġett, li tiegħu tidher deskrizzjoni dettaljata fl-Anness.

*Artikolu 2*

1. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ("RGħ") għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

2. L-implimentazzjoni teknika tal-proġett imsemmi fl-Artikolu 1 għandha titwettaq minn SEESAC.

3. SEESAC għandu jwettaq il-kompitu tiegħu taħt ir-responsabbiltà tar-RGħ. Għal dan l-għan, ir-RGħ għandu jidħol fl-arranġamenti meħtieġa mal-UNDP, li jaġixxi f'isem SEESAC.

*Artikolu 3*

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-proġett iffinanzjat mill-Unjoni li jissemma fl-Artikolu 1 għandu jkun ta' EUR 5 127 650. Il-baġit totali stmat għall-programm kollu għandu jkun ta' EUR 14 335 403. Il-programm għandu jkun ikkofinanzjat mill-Unjoni, il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tar-Renju tan-Norveġja u l-benefiċjarju.

2. L-infiq iffinanzjat mill-ammont ta' referenza li jinsab fil-paragrafu 1 għandu jiġi amministrat f'konformità mal-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit tal-Unjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-amministrazzjoni adatta tal-infiq imsemmi fil-paragrafu 1. Għal dak il-għan, hi għandha tikkonkludi l-ftehim meħtieġ mal-UNDP, li jaġixxi f'isem SEESAC. Il-ftehim għandu jistipula li SEESAC għandu jiżgura l-viżibbiltà tal-kontribut tal-UE, xierqa skont id-daqs tagħha.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha biex tikkonkludi l-ftehim imsemmi fil-paragrafu 3 malajr kemm jista' jkun malajr wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Hija għandha tinforma lill-Kunsill bi kwalunkwe diffikultà f'dak il-proċess u dwar id-data tal-konklużjoni tal-ftehim.

*Artikolu 4*

1. Ir-RGħ għandu jirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni abbażi ta' rapporti regolari kull tliet xhur imħejjija minn SEESAC. Dawk ir-rapporti għandhom jifformaw il-bażi għall-evalwazzjoni mwettqa mill-Kunsill.

2. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-aspetti finanzjarji tal-proġett imsemmi fl-Artikolu 1.

*Artikolu 5*

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi 36 xahar wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(3). Madankollu, hija għandha tiskadi sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tagħha jekk ma jiġi konkluż l-ebda ftehim f'dak il-perijodu.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. PABEDINSKIENĖ

*ANNESS*

**Il-kontribut tal-Unjoni Ewropea għall-Proġett ta' SEESAC dwar it-Tnaqqis tat-Theddida tat-Tixrid u t-Traffikar Illeċiti ta' Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SALW) u l-Munizzjon tagħhom fix-Xlokk tal-Ewropa**

## 1. Introduzzjoni u objettivi

L-istorja tal-akkumulazzjoni fuq skala kbira ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir u l-ħażniet ta' munizzjon fix-Xlokk tal-Ewropa (SEE), għadd insuffiċjenti ta' postijiet siguri ta' ħażniet u n-nuqqas persistenti ta' kapaċitajiet suffiċjenti biex dawn ikunu kompletament siguri qanqal tħassib partikolari lill-pajjiżi fir-reġjun kif ukoll sfida importanti fl-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-traffikar illeċiti ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW) u l-munizzjon tagħhom. Għalhekk, il-kontinwazzjoni tal-appoġġ preċedenti tal-Unjoni għall-ġlieda kontra t-theddida kkawżata mit-tixrid u t-traffikar illeċitu fis-SALW fi u mix-Xlokk tal-Ewropa jifforma parti essenzjali fl-isforzi tagħha biex tikseb l-għanijiet tal-Istrateġija tal-UE dwar is-SALW.

L-objettiv globali tal-proġett huwa li jippromwovi l-paċi u s-sigurtà internazzjonali permezz tal-appoġġ kontinwu għall-isforzi biex titnaqqas it-theddida kkawżata mill-akkumulazzjoni u t-traffikar illeċiti fuq firxa wiesgħa ta' SALW u l-munizzjon tagħhom fix-Xlokk tal-Ewropa. B'mod speċifiku, il-proġett ser inaqqas id-disponibbiltà ta' SALW żejda u l-munizzjon tagħhom, itejjeb is-sigurtà faċilitajiet ta' ħażniet; itejjeb it-traċċar tal-armi permezz ta' reġistrazzjoni u mmarkar imtejjeb, kif ukoll iżid it-trasferimenti tal-informazzjoni u tal-għarfien u s-sensibilizzazzjoni dwar it-theddida kkawżata mis-SALW. Barra minn hekk, il-programm ser jikkontribwixxi għall-istabbilità fix-Xlokk tal-Ewropa permezz tal-qafas tal-Kunsill għall-Kooperazzjoni Reġjonali (KKR).

Waqt li jibni fuq l-implimentazzjoni b'suċċess tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/179/PESK b'mod partikolari, u f'konformità tal-Istrateġija tal-UE dwar is-SALW, dan il-proġett ta' segwitu għalhekk għandu l-għan li jsaħħaħ aktar is-sistemi nazzjonali tal-kontroll u li jkompli jrawwem il-multilateraliżmu, li jsawwar mekkaniżmi reġjonali kontra l-forniment u t-tixrid destabbilizzanti tas-SALW u tal-munizzjon tagħhom. Barra minn hekk, sabiex tiġi żgurata dimensjoni reġjonali aktar komprensiva, dan il-proġett ta' segwitu ser jinkludi wkoll ir-Repubblika tal-Moldova u l-Kosovo (*) fil-proċessi reġjonali tal-kontroll tas-SALW sabiex jiżgura approċċ verament olistiku u reġjonali b'impatt fit-tul u sostenibbli.

## 2. Għażla tal-aġenzija ta' implimentazzjoni u koordinazzjoni ma' inizjattivi ta' finanzjament oħra rilevanti

SEESAC huwa inizjattiva konġunta tal-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Kunsill għall-Kooperazzjoni Reġjonali (KKR; suċċessur tal-Patt ta' Stabbiltà għax-Xlokk tal-Ewropa), u għalhekk huwa l-punt fokali għall-attivitajiet relatati mas-SALW fix-Xlokk tal-Ewropa. Bħala l-fergħa eżekuttiva tal-Pjan ta' Implimentazzjoni Reġjonali tax-Xlokk tal-Ewropa dwar il-Ġlieda Kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi Żgħar u Ħfief (SALW), SEESAC ilu jaħdem għal aktar minn 11-il sena mal-partijiet interessati nazzjonali fix-Xlokk tal-Ewropa dwar l-implimentazzjoni ta' approċċ olisitiku għall-kontroll tas-SALW permezz tat-twettiq ta' spettru wiesa' ta' attivitajiet inklużi: kampanji ta' sensibilizzazzjoni u ġbir tas-SALW, ġestjoni tal-kumulu ta' ħażniet; tnaqqis ta' ħażniet żejda, titjib tal-kapaċitajiet ta' immarkar u traċċar, kif ukoll kontroll imtejjeb tal-esportazzjoni tal-armi. B'dan il-mod, SEESAC kiseb kapaċità u esperjenza unika fl-implimentazzjoni ta' interventi reġjonali ta' diversi partijiet interessati fl-isfond politiku u ekonomiku kondiviż tal-pajjiżi fir-reġjun, waqt li jiżgura sjieda nazzjonali u reġjonali u sostenibbiltà fit-tul tal-azzjonijiet tiegħu u jistabbilixxi lilu nnifisu bħala l-awtorità reġjonali primarja fil-qasam tal-kontroll tas-SALW.

SEESAC għandu kanali miftuħa ta' komunikazzjoni bilaterali u multilaterali mal-atturi u l-organizzazzjonijiet rilevanti kollha. SEESAC huwa wkoll is-Segretarjat tal-Grupp Reġjonali ta' Tmexxija tax-Xlokk tal-Ewropa għall-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (RSG). Barra minn hekk, SEESAC huwa membru u President preċedenti tal-Kumitat tat-Tmexxija tal-Inizjattiva għall-Approċċ Reġjonali għat-Tnaqqis ta' ħażniet (RASR). SEESAC huwa regolarment mistieden jieħu sehem fil-fora reġjonali rilevanti kollha bħal-laqgħat annwali tal-ministri tal-ġustizzja u tal-affarijiet barranin bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent; il-Proċess Strutturali ta' Skambju ta' Informazzjoni dwar is-SALW tan-NATO, il-Proċess Ministerjali ta' Difiża tax-Xlokk tal-Ewropa (SEDM). Huwa għandu netwerk wiesa' ta' sħubijiet formali u informali ma' organizzazzjonijiet bħal RACVIAC (iċ-Ċentru Reġjonali ta' Assistenza għall-Implimentazzjoni u l-Verifika tal-Kontroll tal-Armi) – iċ-Ċentru għall-Kooperazzjoni fis-Sigurtà, il-Forum tal-OSKE għall-Kooperazzjoni fis-Sigurtà (FSC). Laqgħat regolari ta' koordinazzjoni ma' aġenziji oħra tan-NU bħall-UNODC u l-UNODA jseħħu permezz tal-Azzjoni ta' Koordinazzjoni tan-NU dwar Armi Ħfief (CASA) kif ukoll mekkaniżmi oħra. SEESAC b'hekk żviluppa f'ċentru

(*) L-użu ta' dan l-isem hu mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244 (1999) u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-Dikjarazzjoni ta' Indipendenza tal-Kosovo.

reġjonali għal spettru wiesa' ta' kwistjonijiet relatati mar-riforma tas-settur tas-sigurtà, b'attenzjoni partikolari fuq il-kontroll tas-SALW u l-ġestjoni tal-kumulu ta' ħażniet. Ibbażat f'Belgrad, SEESAC fil-preżent jopera fix-Xlokk tal-Ewropa kollu, b'attivitajiet fl-Albanija, il-Bosnja-Ħerzegovina, il-Kroazja, ir-Repubblika tal-Moldova, il-Montenegro, is-Serbja u dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (FYROM). Is-sjieda reġjonali hija żgurata permezz tal-KKR kif ukoll il-Grupp Reġjonali ta' Tmexxija dwar is-SALW, fejn ir-rappreżentanti tal-istati kollha fis-SEE jipprovdu l-gwida strateġika, l-inizjattivi u t-talbiet għall-attivitajiet ta' SEESAC.

L-ittrattar ta' problemi kondiviżi permezz ta' inizjattivi reġjonali ta' prova li huwa ta' benefiċċju fix-Xlokk tal-Ewropa mhux biss minħabba l-kondiviżjoni kruċjali tal-informazzjoni u l-promozzjoni ta' kompetizzjoni reġjonali b'saħħitha li jqanqal, iżda wkoll għax jgħin biex jinkisbu riżultati konsistenti u li faċli jitkejlu permezz ta' implimentazzjoni olisitika. Il-parteċipazzjoni minn SEESAC fil-proċessi u l-inizjattivi reġjonali rilevanti kollha (bħal SEDM, RASR u RACVIAC) tipprovdi skambju ta' informazzjoni f'waqtu u espliċitu, għarfien tas-sitwazzjoni b'saħħtu u t-tbassir meħtieġ biex tiġi żgurata implimentazzjoni mhux suxxettibbli li tirkeb fuq u f'konformità mal-ħtiġijiet attwali tal-Gvernijiet u r-reġjuni, kif ukoll ix-xejriet ta' żvilupp.

SEESAC jibbaża l-attivitajiet kollha tagħha fuq data bażika miġbura, jassigura l-approvazzjoni u l-appoġġ politiku minn partijiet interessati nazzjonali bħala prekondizzjoni għall-azzjoni. Hu implimenta l-proġetti preċedenti tiegħu ffinanzjati mill-UE b'rata għolja ħafna ta' rendiment tal-attivitajiet previsti, billi kiseb riżultati sostenibbli għall-proġett billi żviluppa u rawwem sjieda nazzjonali tal-proġetti u l-attivitajiet tiegħu, promwova koordinazzjoni reġjonali, esperjenza u l-aħjar prassi ta' kondiviżjoni kif ukoll riċerka reġjonali. L-għarfien espert tiegħu dwar is-SALW u l-għarfien profond tal-affarijiet reġjonali u l-partijiet interessati rilevanti tagħmlu l-aktar sieħeb ta' implimentazzjoni addatt f'din l-azzjoni partikolari.

Il-proġett jikkomplementa wkoll inizjattiva parallela ta' SEESAC dwar il-kontroll tat-trasferiment tal-armi li tfittex li żżid il-kapaċità tal-kontroll tal-kummerċ tal-armi permezz ta' trasparenza u kooperazzjoni reġjonali mtejba ([1]). Barra minn hekk, fir-rigward, b'mod partikolari, tal-Bosnja-Ħerzegovina, il-proġett huwa komplementari għal żewġ proġetti oħra, speċifikament:

— il-proġett EXPLODE, iffinanzjat mill-komponent fuq perijodu qasir tal-Istrument tal-UE għall-Istabbiltà u implimentat mill-Uffiċċju tal-UNDP f'Sarajevo fi sħubija mal-Missjoni tal-OSKE għall-Bosnja-Ħerzegovina, biex tissaħħaħ is-sikurezza tan-nies tal-Bosnja-Ħerzegovina billi jitnaqqsu l-ħażniet ta' munizzjon instabbli u tissaħħaħ is-sikurezza tal-ħażniet,

— il-proġett SECUP Bosnja-Ħerzegovina għal titjib fis-sigurtà tas-siti ta' ħażniet tal-munizzjon u l-armi, li huwa implimentat konġuntement mill-Missjoni tal-OSKE għall-Bosnja-Ħerzegovina u l-Ministeru tad-Difiża tal-Bosnja-Ħerzegovina, filwaqt li l-EUFOR jipprovdu pariri esperti tekniċi u monitoraġġ tal-aspetti ta' sikurezza u sigurtà tal-implimentazzjoni tal-proġett, SEESSAC ser iżomm kuntatt regolari mal-EUFOR Althea, il-Missjoni tal-OSKE għall-Bosnja-Ħerzegovina u l-Uffiċċju tal-UNDP f'Sarajevo biex jiżgura koordinazzjoni u komplementarjetà kontinwi ma' dawk il-proġetti kif ukoll mal-isforzi li għaddejjin tal-komunità internazzjonali biex tiġi indirizzata l-kwistjoni dwar ħażniet żejda ta' munizzjon konvenzjonali miżmuma mill-Ministeru tad-Difiża tal-Bosnja-Ħerzegovina u fid-dawl ta' kwalunkwe possibbiltà ta' pjanijiet futuri għal kampanja biex jinġabru armi konvenzjonali illegali fil-Bosnja-Ħerzegovina.

Fir-rigward ta' pajjiżi oħra koperti mill-proġett, SEESAC ser jaħdem f'koordinazzjoni mal-isforzi internazzjonali ta' assistenza li ġejjin:

— Fil-Montenegro, il-proġett MONDEM, amministrat mill-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti fi sħubija mal-OSKE huwa mfassal biex jaħdem dwar it-tnaqqis tar-riskji tal-għlieda kontra l-proliferazzjoni permezz tal-iżvilupp ta' infrastruttura għall-ħażna tal-munizzjon konvenzjonali u sistemi ta' ġestjoni siguri u mingħajr periklu, it-tnaqqis tar-riskju ta' splussivi għall-komunitajiet permezz tad-demilitarizzazzjoni favur l-ambjent, il-qerda ta' skart tossiku perikoluż (propellant likwidu tar-rokit) u appoġġ għar-riforma ta' difiża permezz tal-qerda ta' kwantità limitata ta' sistemi ta' armi tqal imfassla mill-Minsiteru tad-Difiża għall-Montenegro.

— Fil-Kosovo (*), il-Proġett KOSSAC, inizjalment imfassal biex inaqqas il-vjolenza tal-armi fil-Kosovo u jżid is-sigurtà tal-komunità, il-KOSSAC, matul is-snin, evolva fi proġett komprensiv ta' prevenzjoni mill-vjolenza bl-armi b'attenzjoni partikolari fuq is-settur ta' riforma tas-sigurtà u l-iżvilupp tal-kapaċità.

([1]) Il-komponent tal-kontroll tat-trasferimenti tal-armi huwa ffinanzjat mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tar-Renju tan-Norveġja u huwa implimentat minn SEESAC.

— Fis-Serbja, il-proġett CASM, iffinanzjat mill-Programm tal-Iżvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, huwa mfassal biex itejjeb is-sikurezza u s-sigurtà ta' siti predefiniti għall-ħażniet ta' munizzjon konvenzjonali u r-rimi ta' munizzjon żejjed irrapportat.

SEESAC iżomm ukoll kuntatt regolari mal-OSKE, in-NATO u man-Norwegian Peoples Aid kif ukoll ma' atturi oħra rilevanti sabiex jiżgura l-komplementaritajiet tal-azzjoni, l-iskedi taż-żmien tal-interventi u l-kosteffettività fl-użu tar-riżorsi.

## 3. **Deskrizzjoni tal-Proġett**

L-implimentazzjoni tal-proġett ser tirriżulta f'aktar sigurtà u stabbiltà fix-Xlokk tal-Ewropa u lil hinn permezz tal-ġlieda kontra l-firxa u t-traffikar illeċitu tas-SALW u l-munizzjon tagħhom. Il-proġett ser jagħti kontribut dirett għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar is-Sigurtà, l-Istrateġija tal-UE dwar is-SALW, il-Programm tan-NU ta' Azzjoni, l-Istrument Internazzjonali ta' Traċċar u l-Protokoll tan-NU ta' Armi tan-Nar u ser itejjeb b'mod speċifiku l-kooperazzjoni reġjonali fil-ġlieda kontra t-theddida kkawżata mill-firxa tas-SALW u l-munizzjon tagħhom. B'mod partikolari, il-proġett ser jirrizulta fi:

— Sigurtà u ġestjoni tal-kumulu ta' ħażniet tas-SALW imtejba permezz tat-tisħiħ tas-siti ta' ħażniet;

— Tnaqqis ta' ħażniet żejda u konfiskati tas-SALW u l-munizzjon tagħhom permezz tal-qerda;

— Kapaċitajiet imtejba għall-immarkar, it-traċċar u ż-żamma ta' rekords tas-SALW;

— Kooperazzjoni reġjonali u kondiviżjoni tal-informazzjoni imsaħħa;

— Għadd imnaqqas ta' armi illeċiti miżmuma mill-popolazzjoni permezz tal-implimentazzjoni tal-kampanji ta' sensibilizzazzjoni u ġbir tal-armi.

L-ambitu ġeografiku tal-proġett huwa x-Xlokk tal-Ewropa, fejn il-benfiċċjarji diretti tal-proġett huma l-Albanija, l-Bosnja-Ħerzegovina, il-Kosovo (*), ir-Repubblika tal-Moldova, il-Montenegro, is-Serbja u l-FYROM.

### 3.1. *Żieda fis-Sigurtà tal-Kumulu ta' Ħażniet permezz ta' Titjib fl-Infrastruttura u l-Iżvilupp tal-Kapaċità*

Objettiv

Din l-attività ser tnaqqas it-theddida tal-firxa u t-traffikar illeċitu tas-SALW u l-munizzjon tagħhom permezz ta' titjib fid-dispożizzjonijiet ta' sigurtà u fil-ġestjoni tal-kumulu ta' ħażniet ta' armi konvenzjonali u l-ħażniet ta' munizzjon fil-Bosnja-Ħerzegovina, il-Kosovo (*), ir-Repubblika tal-Moldova, il-Montenegro, is-Serbja u FYROM.

Deskrizzjoni

L-implimentazzjoni b'suċċess tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/179/PESK b'approċċ fuq żewġ binarji għal (1) titjib fis-sigurtà tas-siti ta' ħażniet fi tliet pajjiżi ([1]) u (2) bini ta' kapaċità tal-persunal inkarigat mill-ġestjoni tal-kumulu ta' ħażniet ([2]), b'mod sinifikanti żied id-dispożizzjonijiet ta' sigurtà u naqqas ir-riskju tal proliferazzjoni mhux mixtieqa tal-kumulu ta' ħażniet tas-SALW u l-munizzjon tagħhom. Filwaqt li tkompli tibni fuq dawn il-kisbiet, it-tieni fażi tal-proġett ser tkompli ttejjeb is-sigurtà ta' ħażniet tal-armi u l-munizzjon fix-Xlokk tal-Ewropa billi tipprovdi assistenza teknika u infrastrutturali speċifika ulterjuri f'konformità mal-aħjar prassi u standards internazzjonali. L-attivitajiet tal-proġett ser jagħtu appoġġ lill-Ministeri tad-Difiża fil-Bosnja-Ħerzegovina, ir-Repubblika tal-Moldova, il-Montenegro u FYROM kif ukoll lill-Ministeri tal-Intern għar-Repubblika ta-Serbja, FYROM u l-Kosovo (*) permezz tal-akkwist u l-installazzjoni tat-tagħmir meħtieġ biex jiġi żgurat il-kumulu ta' ħażniet tal-armi u l-munizzjon. Barra minn hekk, fejn meħtieġ, ser jingħata taħriġ lill-persunal responsabbli għall-ġestjoni tal-kumulu ta' ħażniet. Is-siti li fihom ser tiġi mtejba s-sigurtà ser jintgħażlu abbażi ta' valutazzjoni tal-prijoritajiet kif ukoll tar-riskji għas-sigurtà li jikkawżaw.

([1]) Fil-Kroazja, is-sigurtà taċ-Ċentru għall-Ħażniet tal-Armi tal-Ministeru tal-Intern "MURAT" ġie mtejjeb permezz tal-installazzjoni ta' sorveljanza bil-video; fil-Bosnja-Ħerzegovina ġew imwaħħla 41 bieb tas-sigurtà u s-sigurtà f'erba' siti ta' ħażniet tas-SALW u l-munizzjon tal-Ministeru tad-Difiża ġiet imsaħħa; is-sigurtà fid-depożitu tal-munizzjon tal-Ministeru tad-Difiża tal-Montenegro 'TARAS' ġiet imtejba għall-istandards tas-sigurtà nazzjonali.

([2]) Ġie żviluppat Kors dwar il-Ġestjoni tal-Kumulu ta' Ħażniet u b'kollox 58 uffiċjal fil-livell operazzjonali mill-Ministeri tad-Difiża, il-Forzi Armati u l-Ministeri tal-Intern tal-Bosnja-Ħerzegovina, il-Kroazja, l-FYROM, il-Montenegro u s-Serbja ġew imħarrġa fil-ġestjoni tal-kumulu ta' ħażniet.

B'mod speċifiku, il-proġett jipprevedi l-attivitajiet li ġejjin:

— Bosnja-Ħerzegovina: titjib tas-sigurtà fis-siti ta' ħażniet tal-munizzjon u l-armi konvenzjonali tal-Ministeru tad-Difiża inkluż permezz tat-tqegħid u/jew ir-rinnovazzjoni taċ-ċint u d-dwal tal-perimetri, sistemi ta' kxif ta' intrużi, kameras ta' sigurtà close circuit (CCTV) u tagħmir tat-telekomunikazzjoni, li jikkomplementaw il-ħidma dwar is-sigurtà fuq il-kumuli ta' ħażniet magħmula mill-UNDP u l-OSKE.

— Kosovo (*): titjib tal-kapaċitajiet tal-ġestjoni tal-kumulu ta' ħażniet tad-Dipartiment tal-Pulizija permezz ta' taħriġ u valutar tas-sitwazzjoni attwali. Rinnovazzjoni ta' maħżen lokali żgħir tas-SALW u l-munizzjon.

— FYROM: titjib tas-sigurtà ta' sit ċentrali ta' ħażniet tal-Ministeru tal-Intern (Orman) permezz tal-akkwist ta' tagħmir tas-sigurtà u l-implimentazzjoni ta' titjib fl-infrastruttura inkluż ir-rinnovazzjoni taċ-ċint mal-perimetru; tagħmir tas-CCTV u dwal; u bibien tas-sigurtà ġodda għall-binjiet ta' ħażniet. Titjib tas-sigurtà tas-sit ċentrali ta' ħażniet tal-Forzi Armati ta' FYROM permezz tal-akkwist u l-installazzjoni ta' sorveljanza bil-video u titjib tas-sigurtà tal-perimetri u l-bini billi jiġu msewwija ċ-ċnut, jitwaħħlu kanċelli tad-dħul ġodda, u ssir rinnovazzjoni tal-bibien ta' sigurtà tal-maħżen.

— Ir-Repubblika tal-Moldova: Titjib tas-sigurtà fid-Depożitu Ċentrali tal-Armi u l-Munizzjon (CAMD) tal-Ministeru tal-Affarijiet Interni, inkluż it-tqegħid ta' ċnut tas-sigurtà, sistemi ta' kontroll tad-dħul u akkwist ta' reġistru elettroniku tal-armi.

— Montenegro: titjib fiżiku għas-sit tal-munizzjon ta' Brezovik inkluż t-titjib ġenerali għas-sigurtà tal-infrastruttura ta' ħażniet. Żvilupp ta' reġistru ċentrali ta' armi u munizzjon maħżuna.

— Serbja: titjib tas-sigurtà fis-sit ewlieni ta' ħażniet tas-SALW tal-Ministeru tal-Intern, inklużi s-sorveljanza bil-video u l-kontroll tal-aċċess.

— Taħriġ Reġjonali dwar il-Ġestjoni tal-Kumulu ta' Ħażniet: għandu jiġi implimentat kemm fil-livell reġjonali (annwalment) kif ukoll fil-livell nazzjonali (meta meħtieġ).

Riżultati tal-proġett u indikaturi tal-implimentazzjoni:

Il-proġett ser jirriżulta f'sigurtà mtejba fix-Xlokk tal-Ewropa permezz tat-tnaqqis tar-riskju tal-kummerċ illeċitu permezz ta':

— Żieda fis-sigurtà tas-siti ta' ħażniet tas-SALW fil-BiH (4), il-Kosovo (*) (1), ir-Repubblika tal-Moldova (2), il-Montenegro (1), is-Serbja (1) u FYROM (2) permezz ta' titjib fl-infrastruttura orjentat lejn is-sigurtà, li jista' jitkejjel.

— Żieda fil-kapaċità tal-persunal li jħares l-kumulu ta' ħażniet billi jiġu mħarrġa tal-anqas 60 membru tal-persunal mill-pajjiżi benefiċjarji fi tliet sessjonijiet ta' ħidma u jingħata taħriġ immirat f'livell nazzjonali

3.2. *It-tnaqqis tal-kumulu ta' ħażniet permezz tal-qerda tas-SALW u l-munizzjon*

Objettiv

Iż-żieda u t-tnaqqis tar-riskju tal-proliferazzjoni billi jitnaqqas b'mod sinifikanti l-għadd ta' armi u munizzjon konvenzjonali żejda fil-ħażniet.

Deskrizzjoni

Waqt li jibni fuq l-implimentazzjoni b'suċċess tal-fażi preċendenti, li ħadet ħsieb il-qerda ta' total ta' 78,366 arma (45,275 fis-Serbja u 33,091 fil-Kroazja), u biex ikompli jnaqqas is-SALW żejjed miżmum mill-istituzzjonijiet statali u mill-persuni ċivili u b'hekk inaqqas ir-riskju tad-devjazzjoni jew il-kummerċ illeċitu f'dawn l-armi, il-proġett ser jarmi sa massimu ta' 165,000 SALW billi jwettaq diversi attivitajiet tal-qerda fi:

— l-Albanija (sa massimu ta' 120,000 biċċa)

— il-Bosnia-Herzegovina (sa massimu ta' 4,500 biċċa)

— il-Kosovo (*) (sa massimu ta' 2,500 biċċa)

— FYROM (sa massimu ta' 1,500 biċċa)

— ir-Repubblika tal-Moldova (sa massimu ta' 2,500 biċċa)

— il-Montenegro (sa massimu ta' 4,000 biċċa)

— is-Serbja (sa massimu ta' 30,000 biċċa)

Fl-Albanija, id-dħul miksub mir-rimi tal-munizzjon żejjed imwettaq mill-Ministeru tad-Difiża jeħtieġ li jiġi mqabbel mal-qerda tas-SALW partikolarment billi jiġi kkunsidrat il-qies tal-kumulu ta' ħażniet żejda u l-isfida biex dawn jinżammu siguri. Fis-Serbja, jeħtieġ li t-titjib miksub permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/179/PESK jiġi raffurzat b'aktar tneħħija ta' armi żejda u konfiskati, filwaqt li huwa essenzjali li jibdew azzjonijiet simili f'pajjiżi oħra sabiex jitnaqqas b'mod sinifikanti r-riskju tal-firxa u t-traffikar illeċitu ta' armi żejda. Barra minn hekk, il-proġett ser iwettaq il-qerda ta' splussivi konfiskati u munizzjon tas-SALW żejda miżmuma mill-Ministeri tal-Intern kif ukoll mill-Ministeri tad-Difiża.

Riżultati/indikaturi tal-implimentazzjoni tal-proġett:

Il-proġett ser jirriżulta fi tnaqqis sinifikanti ta' vulnerabbiltajiet tal-proliferazzjoni tas-SALW permezz tat-tnaqqis tal-għadd ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir, splussivi u munizzjon żejda u kkonfiskati miżmuma fil-ħażniet tal-Albanija, il-Bosnia-Herzegovina, il-Kosovo (*), ir-Repubblika tal-Moldova, il-Montenegro, is-Serbja, u FYROM:

— għadd totali sa massimu ta' 165,000 biċċa ta' armi konvenzjonali meqruda;

— għadd totali sa massimu ta' 12,442 biċċa ta' munizzjon u splussivi fir-riskju tal-proliferazzjoni demilitarizzati jew meqruda.

3.3. *Titjib fl-Immarkar, it-Traċċar u r-Reġistrazzjoni tas-SALW*

Objettiv

It-titjib tal-kapaċitajiet tal-immarkar u t-traċċar permezz tad-dispożizzjoni ta' appoġġ għall-istabbiliment jew it-titjib tas-sistemi eżistenti ta' reġistrazzjoni tal-armi elettroniċi u żamma ta' rekords fix-Xlokk tal-Ewropa.

Deskrizzjoni

Din il-parti tal-proġett tappoġġa t-tisħiħ tal-istat tad-dritt effettiv, li jillimita, jirreġistra u jkejjel il-kwantitajiet ta' SALW u d-domanda għalihom. Il-proġett huwa mfassal f'konformità ma' u għalhekk ser itejjeb l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tan-NU, l-Istrument internazzjonali ta' Traċċar, il-Protokoll tan-NU ta' Armi tan-Nar u d-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE kif ukoll il-Pożizzjoni Komuni 2008/944/PESK permezz tat-titjib tal-kapaċità tal-istati tax-Xlokk tal-Ewropa għall-immarkar, it-traċċar u ż-żamma ta' rekords tal-armi, b'attenzjoni partikolari fuq il-kapaċitajiet tal-awtoritajiet nazzjonali fiż-żamma ta' rekords tal-armi legali fil-pussess tal-persuni ċivili billi jappoġġa t-titjib u d-diġitalizzazzjoni ta' tali sistemi. Fl-istess waqt, il-kapaċità ser tittejjeb għall-immarkar, it-traċċar u l-analiżi ballistika tal-armi.

Il-proġett ser jagħti attenzjoni biex tiġi żgurata l-koerenza u l-komplementarjetà tal-attivitajiet tan-NU u tal-UE, taħt programmi nazzjonali, reġjonali u tematiċi u l-attivitajiet kollha taħt dan l-objettiv ser isegwu livell għoli ta' sinerġija u komplementarjetà mal-inizjattivi f'dan il-qasam tal-Interpol (iARMS) u l-EUROPOL.

Il-proġett ser jappoġġa t-titjib tal-kapaċitajiet għall-immarkar, it-traċċar u ż-żamma ta' rekords tas-SALW fix-Xlokk tal-Ewropa permezz ta' taħlita ta' taħriġ u assistenza fil-livell tekniku, rinfurzati minn analiżi normativa u istituzzjonali:

— Albanija: ser jipprovdi appoġġ għall-Pulizija tal-Istat Albaniż fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' reġistru ċentrali tal-armi elettroniċi billi jiżviluppa sistema, jakkwista u jinstalla l-hardware meħtieġ kif ukoll jipprovdi taħriġ għall-persunal.

— Bosnia-Herzegovina: ser jappoġġa lill-Aġenzija Statali ta' Investigazzjoni u Protezzjoni (SIPA) fit-tkomplija tal-isforzi tagħha u r-riżultati fl-infurzar tan-nonproliferazzjoni tas-SALW permezz tat-titjib tal-kapaċitajiet tekniċi fl-investigazzjoni u l-infurzar tal-kontroll tas-SALW.

— FYROM: ser jaħdem mal-awtoritajiet nazzjonali biex itejjeb aktar is-sistema eżistenti ta' reġistrazzjoni tal-armi billi jtejjeb is-software biex jinkludi l-armi fil-proprjetà tal-forzi tas-sigurtà u billi jħarreġ aktar lill-persunal biex iżomm rekords tal-armi tan-nar f'konformità mal-leġislazzjoni.

— Kosovo (*): ser jaħdem mas-Servizz tal-Pulizija tal-Kosovo (*) biex jiġu żviluppati proċeduri operattivi standard u jingħata taħriġ mal-implimentazzjoni tagħhom. Fl-istess waqt ser ifittex li jidentifika l-istruttura tal-kummerċ illeċitu fis-SALW billi jaħdem mal-awtoritajiet rilevanti biex jiġu identifikati oqsma ta' riskju ewlenin.

— Serbja: ser jappoġġa t-titjib tal-kapaċitajiet tekniċi, tal-laboratorju ballistiku tal-Ministeru tal-Intern, biex jiġu mmarkati u traċċati l-armi u l-munizzjon permezz tal-akkwist ta' tagħmir speċjalizzat u l-għoti ta' taħriġ.

Fil-livell reġjonali:

— Il-proġett ser jappoġġa l-istabbiliment ta' netwerk ta' esperti tal-armi tan-nar reġjonali għax-Xlokk tal-Ewropa u ser jorganizza ta' sitt sessjonijiet ta' ħidma reġjonali sabiex iżid il-kondiviżjoni tal-għarfien;

— In-Netwerk ser ikun appoġġat minn pjattaforma online biex jiffaċilita l-iskambju ta' għarfien u informazzjoni;

— SEESAC ser iżomm kuntatt mill-qrib mal-Conflict Armament Research (CAR) biex jiffaċilita l-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar l-armi illeċiti bejn SEESAC, in-Netwerk Reġjonali ta' Esperti dwar l-Armi tan-Nar u l-Proġett iTrace tal-CAR.

— Ser jitwettaq studju ta' fattibbiltà li jidentifika l-possibiltajiet legali u tekniċi għal traċċar eqreb u aktar istituzzjonalizzat u kondiviżjoni ta' data ballistika.

Riżultati/indikaturi tal-implimentazzjoni tal-proġett:

— Introduzzjoni ta' reġistru ċentralizzat tal-armi elettroniċi fl-Albanija;

— Kapaċitajiet tekniċi mtejba tal-Aġenzija Statali ta' Investigazzjoni u Protezzjoni fil-Bosnia-Herzegovina għat-traċċar u l-investigazzjoni tal-SALW u l-munizzjon;

— Reġistru mtejjeb tal-armi elettroniċi fil-FYROM biex jinkludi l-armi fil-proprjetà tal-forzi tas-sigurtà; tal-inqas 25 membru tal-persunal imħarreġ f'dispożizzjonijiet ġodda;

— Żvilupp ta' proċeduri operattivi standard dwar l-immarkar, it-traċċar u ż-żamma ta' rekords tas-SALW għall-Pulizija tal-Kosovo (*); tlestija tal-studju li jindika l-istruttura tal-kummerċ illeċitu;

— Kapaċitajiet tekniċi tal-laboratorju ballistiku tal-Ministeru tal-Intern tas-Serbja għat-traċċar tal-armi u l-munizzjon imtejba;

— Netwerk reġjonali ta' esperti tal-armi tan-nar stabbilit u funzjonali; twettiq ta' sitt sezzjonijiet ta' ħidma;

— Pjattaforma online biex tiffaċilita l-iskambju ta' għarfien u informazzjoni tan-netwerk reġjonali tal-esperti tal-armi stabbilita;

— Titjib fil-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn SEESAC, in-Netwerk Reġjonali ta' Esperti dwar l-Armi tan-Nar u l-Proġett iTrace.

— Studju ta' fattibbiltà dwar ir-rabta ta' sistemi ta' reġistrazzjoni komplut.

3.4. *Kooperazzjoni Reġjonali dwar is-Sensibilizzazzjoni, il-Kondiviżjoni tal-Informazzjoni u t-Trasferiment tal-Għarfien*

Objettiv

Biex tittejjeb aktar il-kapaċità tal-glieda kontra t-theddida kkawżata mis-SALW u l-munizzjon tagħhom fix-Xlokk tal-Ewropa billi tiġi mrawma u ffaċilitata l-kondiviżjoni tal-informazzjoni, l-iskambju tal-informazzjoni u s-sensibilizzazzjoni permezz ta' kooperazzjoni reġjonali eqreb.

Deskrizzjoni

Il-proġett ser iżid il-kapaċità tal-Kummissjonijiet Nazzjonali tas-SALW u l-istituzzjonijiet rilevanti impenjati fil-kontroll tal-armi billi jipprovdu assistenza teknika u żvilupp tal-kapaċità filwaqt li fl-istess ħin jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni. Il-proġett ser jaħdem mill-qrib mal-istituzzjonijiet biex jidentifika l-ħtiġijiet tagħhom u jiżviluppa l-għodod ta' appoġġ meħtieġa biex ikunu jistgħu jkomplu jsaħħu l-kapaċitajiet tagħhom biex jikkontrollaw l-armi konvenzjonali u l-munizzjon tagħhom. Fl-istess waqt, il-proġett ser jistabbilixxi u jiffaċilita proċess reġjonali ta' skambju ta' informazzjoni li jlaqqa' flimkien rappreżentanti ta' Kummissjonijiet Nazzjonali tas-SALW u istituzzjonijiet impenjati fil-kontroll tal-armi sabiex tiżdied l-kooperazzjoni reġjonali u l-kondiviżjoni tal-għarfien. Il-proċess reġjonali ta' skambju ta' informazzjoni ser jikkonsisti fi:

— Laqgħat formali reġjonali tal-Kummissjonijiet Nazzjonali tas-SALW darbtejn fis-sena;

— Ġbir ifformalizzat tal-lezzjonijiet miksuba dwar il-kontroll tas-SALW fix-Xlokk tal-Ewropa;

— Żvilupp tal-kompendju tal-leġislazzjoni Nazzjonali tax-Xlokk tal-Ewropa dwar is-SLAW; noti ta' informazzjoni u prodotti oħra ta' għarfien meħtieġa għall-implementazzjoni effettiva ta' kontroll tas-SALW;

— Żvilupp ta' studju reġjonali dwar l-impatt tas-SALW fuq vjolenza domestika u sessista;

— Żvilupp ta' pjattaforma online għall-kondiviżjoni tal-għarfien u portal web li jippermetti kondiviżjoni regolari tal-għarfien u l-esperjenza dwar proġetti, attivitajiet, u interventi ta' kontroll tas-SALW;

— Faċilitazzjoni ta' skambju ta' informazzjoni bilaterali permezz tal-organizzazzjoni ta' żjarat ta' studju u skambji ta' esperti.

Il-ġbir formalizzat tal-lezzjonijiet miksuba u l-ħolqien ta' bażi ta' għarfien ser ikomplu jtejbu l-kapaċità tal-pajjiżi tax-Xlokk tal-Ewropa biex ifasslu, jifformaw kunċetti u jimplimentaw attivitajiet ta' kontroll tas-SALW waqt li fl-istess ħin jagħmluhom esportaturi tal-għarfien għal reġjuni oħra. L-esperjenza konsiderevoli fix-Xlokk tal-Ewropa miġbura b'dan il-mod ser tkun ukoll ta' użu f'partijiet oħra tad-dinja.

Riżultati/indikaturi tal-implimentazzjoni tal-proġett:

Żieda fil-kooperazzjoni reġjonali fil-ġlieda kontra t-theddida kkawżata mill-akkumulazzjoni mifruxa u t-traffikar illeċitu fis-SALW u l-munizzjon tagħhom:

— Sa mhux aktar minn sitt laqgħat formali organizzati dwar Kummissjonijiet tas-SALW;

— Kondiviżjoni ta' għarfien u skambju ta' informazzjoni bilaterali ffaċilitati;

— Żvilupp ta' Strateġiji Nazzjonali dwar is-SALW fejn applikabbli;

— Twettiq ta' taħriġ fil-livell nazzjonali u bini ta' kapaċità bbażat fuq il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet;

— Żieda fis-sensibilizzazzjoni dwar l-impatt tas-SALW fuq vjolenza domestika u bbażata fuq is-sess permezz tal-iżvilupp u l-promozzjoni ta' studju reġjonali.

Żieda fil-kapaċità ta' Kummissjonijiet Nazzjonali tas-SALW u istituzzjonijiet oħra impenjati fil-kontroll tal-armi permezz ta':

— Pjattaforma għall-kondiviżjoni tal-għarfien stabbilita;

— Kompendju tal-leġislazzjoni dwar il-kontroll tal-armi ppubblikat u ġabra ta' tagħlimiet miksuba dwar il-kontroll tas-SALW fix-Xlokk tal-Ewropa formalizzata;

— Konsulenza teknika pprovduta.

3.5. *Kampanji ta' Ġbir u Sensibilizzazzjoni*

Objettiv

Li tiżdied is-sigurtà u titnaqqas it-theddida ta' traffikar illeċitu tas-SALW u l-munizzjon tagħhom permezz ta':

— Appoġġ għall-ġbir ta' armi illegali u mhux mixtieqa, tagħmir splussiv, artillerija u munizzjon assoċjat miżmuma mil-popolazzjoni tal-pajjiżi tax-Xlokk tal-Ewropa;

— Assistenza fil-leġislazzjoni tal-armi fil-pussess ta' persuni ċivili permezz tar-reġistrazzjoni tagħhom;

— Sensibilizzazzjoni dwar il-perikli kkawżati mill-pussess ta' armi illeċiti.

Deskrizzjoni

Matul l-ewwel fażi tal-proġett (Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/179/PESK) fil-Kroazja twettqet kampanja ta' sena u nofs ta' ġbir u sensibilizzazzjoni li rriżultat fil-ġbir ta' 1,753 arma, 16,368 arma ta' frammentazzjoni illeċiti, 818,153 biċċa ta' munizzjon u 620 kilo ta' splussivi, u li rriżultat f'sensibilizzazzjoni ogħla pubblika. Fis-Serbja, kampanja innovattiva ta' sensibilizzazzjoni bl-użu ta' pjattaforma online għinet lil SEESAC tiġbor informazzjoni imprezzabbli dwar l-attitudnijiet prevalenti u dwar il-preżenza tas-SALW. Mgħammra bit-tagħlimiet miksuba minn dawk il-kampanji, it-tieni fażi tal-proġett ser tiffoka fuq tliet binarji reċiprokament rinforzati:

— It-tfassil u l-implimentazzjoni ta' kampanji ta' ġbir li ser ikunu ibbażati fuq azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni immirati sabiex jixxerdu b'mod korrett id-dettalji tal-leġislazzjoni u r-rilaxx volontarju ta' armi tan-nar illegali;

— L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni dwar il-perikli li jġib miegħu l-pussess ta' armi tan-nar, munizzjon u splussivi illeċiti;

— L-użu ta' għodod innovattivi bħal crowdsourcing biex jiġi identifikat il-pussess illegali tal-armi tan-nar u s-sensibilizzazzjoni tal-popolazzjoni fir-rigward tat-theddida kkawżata minn armi illeċiti.

Riżultati/indikaturi tal-implimentazzjoni tal-proġett:

Il-proġett ser itejjeb is-sigurtà fix-Xlokk tal-Ewropa billi jnaqqas il-pussess illeċitu tal-armi mill-popolazzjoni:

— Tnaqqis fl-għadd ta' armi, artillerija, munizzjon u tagħmir splussiv fil-pussess tal-persuni ċivili;

— Żieda fis-sensibilizzazzjoni permezz tat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' kampanji f'tal-anqas sitt pajjiżi.

4. **Benefiċjarji**

Il-benefiċjarji diretti tal-proġett ser ikunu l-istituzzjonijiet nazzjonali responsabbli mill-kontroll tas-SALW fix-Xlokk tal-Ewropa. Fir-rigward tal-ġestjoni tal-kumulu ta' ħażniet, il-Ministeri tad-Difiża tal-Bosnia-Herzegovina, ir-Repubblika tal-Moldova, il-Montenegro, FYROM kif ukoll il-Ministeri tal-Intern tal-Kosovo (*), ir-Repubblika tal-Moldova, is-Serbja u FYROM ser jibbenefikaw mill-kapaċità tal-iżvilupp u infrastruttura mtejba fis-siti tal-ħażniet. Il-benefiċjarji diretti tal-isforzi għat-tnaqqis tal-kumulu ta' ħażniet ser ikunu l-Ministeri tal-Intern tal-Bosnia-Herzegovina, il-Kosovo (*), ir-Repubblika tal-Moldova, il-Montenegro, is-Serbja u FYROM u l-Ministeri tad-Difiża fl-Albanija, il-Bosnia-Herzegovina, FYROM u r-Repubblika tal-Moldova. Il-benefiċjarji diretti tal-kapaċitajiet imtejba għall-immarkar, it-traċċar u ż-żamma ta' rekords tas-SALW ser ikunu l-Ministeri tal-Intern tal-Albanija, FYROM, il-Kosovo (*) u s-Serbja u l-Aġenzija Statali ta' Investigazzjoni u Protezzjoni fil-Bosnia-Herzegovina, filwaqt li l-Ministeri tal-Intern li jifdal ser igawdu mill-benefiċċji tan-netwerk reġjonali ta' esperti dwar l-armi tan-nar. Finalment, il-Kummissjonijiet Nazzjonali tas-SALW u istituzzjonijiet oħra responsabbli mill-kontroll ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir fix-Xlokk tal-Ewropa ser jibbenefikaw minn taħriġ u kondiviżjoni ta' informazzjoni kif ukoll kooperazzjoni reġjonali.

L-attivitajiet proposti huma f'konformità sħiħa mal-prijoritajiet nazzjonali dwar il-kontroll tas-SALW u ġew approvati mill-awtoritajiet nazzjonali dwar il-kontroll tas-SALW rilevanti, filwaqt li wrew ix-xiri sfurzat u l-impenn tagħhom fil-kisba tar-riżultati tal-proġett.

Il-popolazzjoni ġenerali tal-pajjiżi fix-Xlokk tal-Ewropa u fl-UE, fir-riskju tal-proliferazzjoni mifruxa tas-SALW, ser tibbenefika indirettament minn dan il-proġett mat-tnaqqis tar-riskju.

5. **Viżibbiltà tal-UE**

SEESAC għandu jieħu l-miżuri kollha adatti biex jirreklama l-fatt li l-Azzjoni tkun ġiet iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea. Tali miżuri ser jitwettqu f'konformità mal-Manwal tal-Kummissjoni għall-Komunikazzjonijiet u l-Viżibbiltà tal-Azzjonijiet Esterni tal-UE, stabbilit u ppubblikat mill-Kummissjoni Ewropea. Għaldaqstant, SEESAC ser tiżgura l-viżibbiltà tal-kontribuzzjoni tal-UE permezz ta' branding u pubbliċità adatti, li jenfasizzaw ir-rwol tal-Unjoni, jiżguraw it-trasparenza tal-azzjonijiet tagħha, u jwettqu sensibilizzazzjoni dwar ir-raġunijiet għad-Deċiżjoni kif ukoll l-appoġġ tal-Unjoni għad-Deċiżjoni u r-riżultati ta' dan l-appoġġ. Il-materjal prodott bil-proġett ser juri b'mod prominenti l-bandiera tal-Unjoni f'konformità mal-linji gwida tal-Unjoni għall-użu u r-riproduzzjoni preċiżi tal-bandiera.

Minħabba li l-attivitajiet ippjanati jvarjaw ħafna fl-ambitu u l-karattru, ser tintuża firxa ta' għodod promozzjonali, inklużi: il-mezzi ta' komunikazzjoni tradizzjonali, is-siti elettroniċi, il-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali, materjal informattiv u promozzjonali inklużi l-infografika, fuljetti, bullettini, stqarrijiet għall-istampa u oħrajn kif adattat. Pubblikazzjonijiet, avvenimenti pubbliċi, kampanji, tagħmir u xogħlijiet ta' kostruzzjoni akkwistati taħt il-proġett ser jiġu mmarkati kif xieraq. Biex jiġi amplifikat aktar l-impatt permezz tas-sensibilizzazzjoni ta' diversi gvernijiet nazzjonali u l-pubbliku, il-komunità internazzjonali, mezzi tal-komunikazzjoni lokali u internazzjonali, kull wieħed mill-gruppi fil-mira tal-proġett ser jiġi indirizzat permezz tal-lingwa adatta.

6. **Tul ta' żmien**

Abbażi tal-esperjenza tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2010/179/PESK, u b'kont meħud tal-ambitu reġjonali tal-proġett, l-għadd ta' benefiċjarji, kif ukoll l-għadd u l-kumplessità tal-attivitajiet ippjanati, il-perijodu ta' żmien għall-implimentazzjoni huwa 36 xahar.

7. **Struttura ġenerali**

SEESAC jingħata l-inkarigu tal-implimentazzjoni teknika ta' din l-Azzjoni, bl-inizjattiva reġjonali taħdem taħt il-mandat tal-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni Reġjonali, suċċessur għall-Patt ta' Stabbiltà għax-Xlokk tal-Ewropa. SEESAC huwa l-fergħa eżekuttiva tal-Pjan ta' Implimentazzjoni Reġjonali tax-Xlokk tal-Ewropa dwar il-Ġlieda Kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi Żgħar u Ħfief (SALW) u għalhekk jaġixxi bħala l-punt fokali għall-kwistjonijiet kollha relatati mas-SALW fir-reġjun tax-Xlokk tal-Ewropa.

SEESAC ser ikollu r-responsabbiltà ġenerali għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-proġett u l-kontabbiltà għall-implimentazzjoni tal-proġett. It-tul ta' żmien tal-proġett huwa previst għal 3 snin (36 xahar) u l-baġit totali stmat għall-proġett huwa EUR 14 335 403b'kofinanzjament żgurat min-Norveġja.

8. **Sħab**

SEESAC ser jimplimenta l-Azzjoni direttament f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Ministri tad-Difiża tal-Albanija, il-Bosnia-Herzegovina, ir-Repubblika tal-Moldova, il-Montenegro, FYROM; mal-Ministeri tal-Intern tal-Albanija, il-Bosnia-Herzegovina, il-Kosovo (*), ir-Repubblika tal-Moldova, il-Montenegro, is-Serbja, FYROM u l-Aġenzija Statali ta' Investigazzjoni u Protezzjoni fil-Bosnia-Herzegovina; kif ukoll il-Kummissjonijiet Nazzjonali tas-SALW fl-Albanija, il-Bosnia-Herzegovina, il-Kosovo (*), ir-Repubblika tal-Moldova, il-Montenegro, is-Serbja u FYROM.

Din l-azzjoni hija parti minn Programm usa' tal-Kontroll tal-Armi fil-Balkani tal-Punent hu hija komplementata minn proġett dwar il-kontrolli tal-esportazzjoni tal-armi, iffinanzjat mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tar-Renju tan-Norveġja u l-Programm għall-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet għall-Ġestjoni tal-Kumulu ta' Ħażniet ta' Munizzjon fir-Repubblika tas-Serbja (CASM). Il-baġit totali stmat tal-Programm huwa ta' EUR 14 335 403 li minnhom il-kontribuzzjoni tal-Unjoni tammonta sa EUR 5 127 650 li jkopri sa 35,77 % tal-baġit totali stmat. Il-kontribuzzjoni tan-Norveġja tammonta għal EUR 411,689 (NOK 3 140 000,00) skont ir-Rata tal-Kambju Operazzjonali tan-NU għall-Ġunju 2013) li tkopri 2,87 % tal-baġit totali tal-Programm. Il-kontribuzzjoni tal-benefiċjarji tammonta għal 61,36 % tal-baġit totali tal-Programm.

9. **Rapportar**

Ir-rapportar, kemm narattiv kif ukoll finanzjarju, għandu jkopri l-Azzjoni kollha deskritta fil-ftehim speċifiku għall-kontribut rilevanti u huwa mehmuż mal-baġit, irrispettivament minn jekk din l-Azzjoni hijiex kompletament iffinanzjata jew kofinanzjata mill-Kummissjoni.

Darba kull tliet xhur, rapporti narattivi ta' progress għandhom jiġu ppreżentati biex iżommu rekord u monitoraġġ tal-progress lejn it-twettiq tar-riżultati ewlenin.

10. **Baġit Stmat**

L-ispiża totali stmata għall-proġett iffinanzjat mill-UE hija ta' EUR 5 127 650.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tad-9 ta' Diċembru 2013

## dwar in-notifika mill-Irlanda ta' pjan nazzjonali tranżitorju msemmi fl-Artikolu 32 tad-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali

*(notifikata bid-dokument C(2013) 8638)*

**(It-Test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)**

(2013/731/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) ([1]), u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 32(5) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 32(5) tad-Direttiva 2010/75/UE, l-Irlanda ppreżentat lill-Kummissjoni l-pjan nazzjonali tranżitorju tagħha (TNP) fil-31 ta' Diċembru 2012 ([2]).

(2) Matul il-valutazzjoni tagħha tal-kompletezza tat-TNP, il-Kummissjoni sabet xi inkonsistenzi bejn il-lista tal-impjanti inklużi fit-TNP u dawk irrappurtati mill-Irlanda fl-inventarju tagħha dwar l-emissjonijiet skont id-Direttiva 2001/80/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), kif ukoll informazzjoni nieqsa għal wieħed mill-impjanti, u dawn, kollha kemm huma, xekklu l-valutazzjoni tad-dejta tat-TNP.

(3) Permezz ta' ittra datata t-3 ta' Ġunju 2013 ([4]), il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet Irlandiżi biex jipprovdu kjarifika dwar kull inkonsistenza bejn it-TNP u l-inventarju skont id-Direttiva 2001/80/KE, kif ukoll kjarifika li tikkonċerna impjant wieħed ta' kombustjoni.

(4) L-Irlanda ssottomettiet informazzjoni addizzjonali lill-Kummissjoni permezz ta' ittra datata l-10 ta' Lulju 2013 li tikkonċerna, fost l-oħrajn, it-tneħħija ta' impjant mit-TNP ([5]).

(5) Wara valutazzjoni ulterjuri tat-TNP u l-informazzjoni addizzjonali pprovduta, fl-4 ta' Settembru 2013 ([6]), il-Kummissjoni bagħtet it-tieni ittra fejn talbet kjarifika tad-data meta ngħata l-ewwel permess għad-diversi impjanti, u tal-applikazzjoni korretta tar-regoli ta' aggregazzjoni definiti fl-Artikolu 29 tal-IED. Il-Kummissjoni talbet ukoll li ssir analiżi tal-kalkolu tal-kontribuzzjoni għal-limiti massimi tat-TNP għal impjanti li jaħdmu b'diversi karburanti.

(6) Permezz ta' ittra elettronika datata t-23 ta' Settembru 2013 ([7]) l-Irlanda pprovdiet l-informazzjoni u l-kjarifiki addizzjonali mitluba, b'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/115/UE ([8]).

(7) Għaldaqstant, it-TNP ġie vvalutat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 32(1), (3) u (4) tad-Direttiva 2010/75/UE u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/115/UE.

(8) B'mod partikolari, il-Kummissjoni eżaminat il-konsistenza u l-korrettezza tad-dejta, is-suppożizzjonijiet u l-kalkoli li ntużaw għad-determinazzjoni tal-kontribuzzjonijiet ta' kull impjant ta' kombustjoni kopert mit-TNP għal-limiti massimi tal-emissjonijiet stabbiliti fit-TNP, u analizzat jekk dan jinkludix objettivi u miri relatati, miżuri u skedi sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi u mekkaniżmu ta' monitoraġġ biex jivvaluta l-konformità fil-futur.

(9) Minbarra l-informazzjoni addizzjonali sottomessa, il-Kummissjoni sabet li l-limiti massimi tal-emissjonijiet għas-snin 2016 u 2019 ġew ikkalkulati bl-użu ta' dejta u formoli xierqa u li l-kalkoli kienu korretti. L-Irlanda pprovdiet biżżejjed informazzjoni dwar il-miżuri li se jiġu implimentati sabiex jintlaħqu l-limiti massimi tal-emissjonijiet, il-monitoraġġ u r-rappurtar lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tat-TNP.

([1]) ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17.

([2]) In-notifika mill-Irlanda waslet permezz ta' ittra datata l-31 ta' Diċembru 2012 u mibgħuta lill-Kummissjoni bil-posta fil-31 ta' Diċembru 2012 rreġistrata bin-numru: Ares(2012)10636

([3]) Id-Direttiva 2001/80/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-limitazzjoni tal-emissjonijiet ta' ċerti tniġġis fl-arja minn impjanti kbar tal-kombustjoni (ĠU L 309, 27.11.2001, p. 1)

([4]) Ares(2013)1636798

([5]) Ares(2013)2640846

([6]) Ares(2013)2991162

([7]) Ares(2013)3103789

([8]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/115/UE tal-10 ta' Frar 2012 li tistabbilixxi regoli dwar il-pjanijiet tranżizzjonali msemmija fid-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-emissjonijiet industrijali (ĠU L 52, 24.2.2012, p. 12)

(10) Il-Kummissjoni hija sodisfatta li l-awtoritajiet Irlandiżi taw kas tad-dispożizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 32(1), (3) u (4) tad-Direttiva 2010/75/UE u fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/115/UE.

(11) L-implimentazzjoni tat-TNP għandha tkun mingħajr preġudizzju għal liġijiet oħra nazzjonali u tal-Unjoni. B'mod partikolari, hi u tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-permessi individwali għall-impjanti ta' kombustjoni, l-Irlanda għandha tiżgura li ma tiġix kompromessa l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti, fost l-oħrajn, fid-Direttiva 2010/75/UE, fid-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (1) u d-Direttiva 2001/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (2).

(12) L-Artikolu 32(6) tad-Direttiva 2010/75/UE jesiġi li l-Irlanda tinforma lill-Kummissjoni dwar kull tibdil sussegwenti fit-TNP. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk dan it-tibdil ikunx konformi mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 32(1), (3) u (4) tad-Direttiva 2010/75/UE u fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/115/UE.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Fuq il-bażi tal-Artikolu 32(1), (3) u (4) tad-Direttiva 2010/75/UE u tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/115/UE, ma hemmx oġġezzjonijiet kontra l-pjan nazzjonali tranżitorju li l-Irlanda baghtet lill-Kummissjoni fil-31 ta' Diċembru 2012 skont l-Artikolu 32(5) tad-Direttiva 2010/75/UE, kif emendat skont l-informazzjoni addizzjonali mibgħuta fl-10 ta' Lulju 2013 u t-23 ta' Settembru 2013 (3).

2. Il-lista tal-impjanti koperti mill-pjan nazzjonali tranżitorju, is-sustanzi niġġiesa li għalihom dawn l-impjanti huma koperti, u l-limiti massimi ta' emissjonijiet applikabbli huma stipulati fl-Anness.

3. L-implimentazzjoni tal-pjan nazzjonali tranżitorju mill-awtoritajiet Irlandiżi ma għandhiex teżenta lill-Irlanda milli tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet minn impjanti individwali ta' kombustjoni koperti mill-pjan, u ma' korpi rilevanti oħra tal-liġi ambjentali tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 2*

Il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk kwalunkwe tibdil sussegwenti li jsir fil-pjan nazzjonali tranżitorju, li l-Irlanda tinnotifika fil-futur, ikunx konformi mad-dispożizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 32(1), (3) u (4) tad-Direttiva 2010/75/UE u fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/115/UE.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Irlanda.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kummissjoni*

Janez POTOČNIK

*Membru tal-Kummissjoni*

---

(1) Id-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (ĠU L 152, 11.6.2008, p. 1)

(2) Id-Direttiva 2001/81KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-livelli nazzjonali massimi tal-emissjonijiet ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi (ĠU L 309, 27.11.2001, p. 22)

(3) Il-verżjoni kkonsolidata tat-TNP ġiet irreġistrata mill-Kummissjoni fis-26 ta' Novembru 2013 bin-numru ta' reġistrazzjoni Ares(2013)3571076.

*ANNESS*

**Lista tal-impjanti inklużi fit-TNP**

| Numru | L-isem tal-impjant fit-TNP | L-input termali nominali totali fil-31.12.2010 (MW) | L-inkwinanti koperti mit-TNP | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | $SO_2$ | $NO_x$ | trab |
| 1 | P0605-MP1/2<br>L-Unitajiet 1 u 2, Moneypoint Generating Station | 1 540 | √ | √ | √ |
| 2 | P0605-MP3<br>L-Unità 3, Moneypoint Generating Station | 770 | √ | √ | √ |
| 3 | P0561-AD1<br>L-Unità 1, Aghada Generating Station | 670 | √ | √ | √ |
| 4 | P0561-AT1<br>Turbina CT11, Aghada Generating Station | 283 | — | √ | — |
| 5 | P0561-AT2<br>Turbina CT12, Aghada Generating Station | 283 | — | √ | — |
| 6 | P0561-AT4<br>Turbina CT14, Aghada Generating Station | 283 | — | √ | — |
| 7 | P0578-MR1<br>L-Unità CT, Marina Generating Station | 277 | — | √ | — |
| 8 | P0606-GR1/2<br>L-Unitajiet 1 u 2, Great Island Generating Station | 346 | √ | √ | √ |
| 9 | P0606-GR3<br>L-Unità 3, Great Island Generating Station | 303 | √ | √ | √ |
| 10 | P0607-TB1/2<br>L-Unitajiet 1 u 2, Tarbert Generating Station | 340 | √ | √ | √ |
| 11 | P0607-TB3/4<br>L-Unitajiet 3 u 4, Tarbert Generating Station | 1 232 | √ | √ | √ |
| 12 | P0482-EP1<br>Edenderry Power Limited | 299 | √ | √ | √ |

**Limiti tal-emissjonijiet (tunnellati)**

| | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 1.1 – 30.6.2020 |
|---|---|---|---|---|---|
| $SO_2$ | 15 202 | 12 076 | 8 950 | 5 824 | 2 912 |
| $NO_x$ | 8 811 | 7 853 | 6 896 | 5 938 | 2 969 |
| trab | 1 514 | 1 196 | 878 | 560 | 280 |

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**

**tad-9 ta' Diċembru 2013**

**li tistabbilixxi l-konklużjonijiet tal-aqwa tekniki disponibbli (BAT), skont id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-emissjonijiet industrijali. għall-produzzjoni tal-chlor-alkali**

*(notifikata bid-dokument C(2013) 8589)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2013/732/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(5) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/75/UE jirrikkjedi li l-Kummissjoni torganizza skambju ta' informazzjoni dwar l-emissjonijiet industrijali bejnha u l-Istati Membri, l-industriji kkonċernati u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jħeġġu l-ħarsien ambjentali sabiex jiġi mħaffef it-tfassil tad-dokumenti ta' referenza tal-aqwa tekniki disponibbli (BAT) kif iddefiniti fl-Artikolu 3(11) ta' dik id-Direttiva.

(2) Skont l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2010/75/UE, l-iskambju tal-informazzjoni għandu jindirizza l-prestazzjoni tal-installazzjonijiet u t-tekniki f'termini ta' emissjonijiet, espressi bħala medja fuq termini qosra u twal, fejn xieraq, u l-kundizzjonijiet ta' referenza assoċjati, il-konsum u n-natura tal-materja prima, il-konsum tal-ilma, l-użu tal-enerġija u l-ġenerazzjoni tal-iskart u t-tekniki użati, il-monitoraġġ assoċjat, l-effetti mifrux fuq il-mezzi tax-xandir, il-vijabbiltà ekonomika u teknika u l-iżviluppi tagħhom u l-aqwa tekniki disponibbli u t-tekniki emerġenti identifikati wara li jitqiesu l-kwistjonijiet imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 13(2) ta' dik id-Direttiva.

(3) "Il-konklużjonijiet tal-BAT" kif iddefiniti fl-Artikolu 3(12) tad-Direttiva 2010/75/UE huma l-element ewlieni tad-dokumenti ta' referenza tal-BAT u jistabbilixxu l-konklużjonijiet dwar l-aqwa tekniki disponibbli, id-deskrizzjoni tagħhom, l-informazzjoni biex tiġi vvalutata l-applikabbiltà tagħhom, il-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aqwa tekniki disponibbli, il-monitoraġġ assoċjat, il-livelli ta' konsum assoċjati u, fejn xieraq, il-miżuri rilevanti ta' rimedju tas-sit.

(4) Skont l-Artikolu 14(3) tad-Direttiva 2010/75/UE, il-konklużjonijiet tal-BAT għandhom ikunu r-referenza biex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet tal-permessi għall-installazzjonijiet koperti permezz tal-Kapitolu II ta' dik id-Direttiva.

(5) L-Artikolu 15(3) tad-Direttiva 2010/75/UE jirrikkjedi li l-awtorità kompetenti tistabbilixxi valuri tal-limiti tal-emissjonijiet li jiżguraw li, taħt kundizzjonijiet ta' operat normali, l-emissjonijiet ma jaqbżux il-livelli tal-emissjonijiet assoċjati mal-aqwa tekniki disponibbli kif stabbilit fid-deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-BAT imsemmija fl-Artikolu 13(5) tad-Direttiva 2010/75/UE.

(6) L-Artikolu 15(4) tad-Direttiva 2010/75/UE jistipula derogi mir-rekwiżit stabbiliti fl-Artikolu 15(3) biss fejn l-ispejjeż assoċjati mal-kisba tal-livelli tal-emissjonijiet assoċjati mal-BAT ikunu ogħla b'mod sproporzjonat mill-benefiċċji ambjentali minħabba l-qagħda ġeografiku, il-kundizzjonijiet ambjentali lokali jew il-karatteristiki tekniċi tal-istallazzjoni inkwistjoni.

(7) L-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2010/75/UE jistipula li r-rekwiżiti ta' sorveljanza fil-permess imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 14(1) tad-Direttiva għandhom ikunu bbażati fuq il-konklużjonijiet dwar is-sorveljanza kif deskritti fil-konklużjonijiet tal-BAT.

(8) Skont l-Artikolu 21(3) tad-Direttiva 2010/75/UE, fi żmien 4 snin mill-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-BAT, l-awtorità kompetenti għandha terġa' tikkunsidra u, jekk ikun meħtieġ, taġġorna l-kundizzjonijiet kollha tal-permessi u għandha tiżgura li l-istallazzjoni tkun konformi ma' dawk il-kundizzjonijiet tal-permessi.

([1]) ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17.

(9) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Mejju 2011 li tistabbilixxi forum (1) għall-iskambju tal-informazzjoni skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali stabbilixxiet forum magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri, l-industriji inkwistjoni u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jħeġġu l-ħarsien ambjentali.

(10) Skont l-Artikolu 13(4) tad-Direttiva 2010/75/UE, il-Kummissjoni kisbet l-opinjoni ta' dak il-forum dwar il-kontenut propost tad-dokument ta' referenza tal-BAT għall-produzzjoni tal-clor-alkali fis-6 ta' Ġunju 2013 u għamlitu disponibbli pubblikament (2).

(11) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 75(1) tad-Direttiva 2010/75/UE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-konklużjonijiet tal-BAT għall-produzzjoni tal-chlor-alkali huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kummissjoni*
Janez POTOČNIK
*Membru tal-Kummissjoni*

(1) ĠU C 146, 17.5.2011, p. 3.
(2) https://circabc.europa.eu/faces/jsp/extension/wai/navigation/container.jsp

*ANNESS*

## IL-KONKLUŻJONIJIET TAL-BAT GĦALL-PRODUZZJONI TAL-KLORALKALI

KAMP TA' APPLIKAZZJONI ........ 37

KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI ........ 38

DEFINIZZJONIJIET ........ 38

KONKLUŻJONIJIET TAL-BAT ........ 39

1. Teknika Taċ-Ċellola ........ 39
2. Id-dekummissjonar jew il-konverżjoni ta' impjanti taċ-ċelluli tal-merkurju ........ 39
3. Il-ġenerazzjoni tal-ilma tal-iskart ........ 41
4. L-effiċjenza enerġetika ........ 42
5. Monitoraġġ tal-emissjonijiet ........ 43
6. Emissjonijiet fl-arja ........ 44
7. Emissjonijiet fl-ilma ........ 45
8. Il-ġenerazzjoni tal-iskart ........ 47
9. Rimedjazzjoni tas-sit ........ 47

GLOSSARJU ........ 48

KAMP TA' APPLIKAZZJONI

Dawn il-konklużjonijiet tal-BAT ikopru ċerti attivitajiet industrijali speċifikati fit-Taqsimiet 4.2(a) u 4.2(c) tal-Anness I tad-Direttiva 2010/75/UE, primarjament il-produzzjoni ta' kimiċi kloralkali (il-kloru, l-idroġenu, l-idrossidu tal-potassju u l-idrossidu tas-sodju) permezz tal-elettroliżi tas-salmura.

B'mod partikolari, dawn il-konklużjonijiet tal-BAT ikopru l-proċessi u l-attivitajiet segwenti:

— il-ħażna tal-melħ;

— il-preparazzjoni, it-tisfija u s-saturazzjoni mill-ġdid tas-salmura;

— l-elettroliżi tas-salmura;

— il-konċentrazzjoni, it-tisfija, il-ħażna u l-ġestjoni tal-idrossidu tas-sodju/potassju;

— it-tibrid, it-tnixxif, it-tisfija, il-kompressjoni, il-likwefazzjoni, il-ħażna u l-ġestjoni tal-kloru;

— it-tibrid, it-tisfija, il-kompressjoni, il-ħażna u l-ġestjoni tal-idroġenu;

— il-konverżjoni ta' impjanti ta' ċelluli tal-merkurju f'impjanti ta' ċelluli tal-membrana;

— id-dekummissjonar ta' impjanti ta' ċelluli tal-merkurju;

— ir-rimedju ta' siti tal-produzzjoni tal-kloroalkali.

Dawn il-konklużjonijiet dwar il-BAT ma jindirizzawx l-attivitajiet jew il-proċessi li ġejjin:

— l-elettroliżi tal-aċidu kloridriku għall-produzzjoni tal-kloru;

— l-elettroliżi tas-salmura għall-produzzjoni tal-klorur tas-sodju; din hija koperta permezz tad-dokument ta' referenza tal-BAT dwar Sustanzi Kimiċi Inorganiċi f'Volumi Kbar – Industrija tas-Solidi u Oħrajn (LVIC-S);

— l-elettroliżi ta' mluħa mdewba għall-produzzjoni ta' alkali jew metalli alkalini-terrestri u kloru; din hija koperta permezz tad-dokument ta' referenza tal-BAT dwar l-Industriji tal-Metalli li ma fihomx Ħadid (NFM - Non-ferrous Metals Industries);

— il-produzzjoni ta' speċjalitajiet bħall-alkolati, id-ditijoniti u metalli alkalini permezz tal-użu ta' amalgama ta' metall alkali prodott bit-teknika taċ-ċelluli tal-merkurju;

— il-produzzjoni tal-kloru, l-idroġenu jew l-idrossidu tas-sodju/potassju permezz ta' proċessi oħra għajr l-elettroliżi.

Dawn il-konkużjonijiet tal-BAT ma jindirizzawx l-apetti segwenti tal-produzzjoni tal-kloralkali peress li dawn huma koperti permezz tad-dokument ta' referenza tal-BAT dwar is-Sistemi tal-Ġestjoni Komuni tat-Trattament tal-Ilma tal-Iskart u tal-Gass tal-Iskart fis-Settur Kimiku (CWW);

— it-trattament tal-ilma f'impjant għat-trattament tul il-katina;

— sistemi ta' ġestjoni ambjentali;

— emmissjonijiet tal-ħsejjes.

Dokumenti ta' referenza oħra li huma ta' rilevanza għall-attivitajiet koperti minn dawn il-konklużjonijiet dwar il-BAT huma dawn li ġejjin:

| Dokument ta' referenza | Suġġett |
|---|---|
| Sistemi tal-Ġestjoni Komuni tat-Trattament tal-Ilma tal-Iskart u tal-Gass tal-Iskart fis-Settur Kimiku BREF (CWW) | Sistemi tal-ġestjoni komuni tat-trattament tal-ilma tal-iskart u tal-gass tal-iskart |
| Aspetti Ekonomiċi u Effetti Transmedjatiċi (ECM) | Aspetti ekonomiċi u effetti transmedjatiċi tat-tekniki |

| Dokument ta' referenza | Suġġett |
|---|---|
| Emissjonijiet minn Ħżin (EFS) | Ħżin u mmaniġġjar ta' materji |
| Effiċjenza Enerġetika (ENE) | Aspetti ġenerali tal-effiċjenza enerġetika |
| Sistemi Industrijali tat-Tberrid(ICS) | Tberrid indirett permezz tal-ilma |
| Impjanti Kbar tal-Kombustjoni (LCP) | Impjanti ta' Kombustjoni li l-kapaċità termali kklassifikata tagħhom hija ta' 50 MW jew aktar |
| Prinċipji Ġenerali ta' Monitoraġġ (MON) | Aspetti ġenerali tas-sorveljanza tal-emissjonijiet u l-konsum |
| Inċinerazzjoni tal-Iskart (WI) | Inċinerazzjoni tal-Iskart |
| Industriji tat-Trattament tal-Iskart (WT) | Trattament tal-Iskart |

KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI

It-tekniki elenkati u deskritti f'dawn il-konklużjonijiet tal-BAT la huma preskrittivi u lanqas eżawrjenti. Jistgħu jintużaw tekniki oħra li jiżguraw tal-anqas livell ekwivalenti ta' protezzjoni ambjentali.

Sakemm mhux mistqarr mod ieħor, il-konklużjonijiet tal-BAT huma ġeneralment applikabbli.

Il-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aqwa tekniki disponibbli (BAT-AELs) għall-emissjonijiet fl-arja mogħtija f'dawn il-konklużjonijiet tal-BAT jirreferu għal:

— livelli ta' konċentrazzjoni espressi bħala massa ta' sustanzi emessi skont il-volum ta' gass tal-iksart taħt kundizzjonijiet standard (273,15 K, 101,3 kPa), wara t-tnaqqis tal-kontenut ta' ilma iżda mingħajr korrezzjoni tal-kontenut ta' ossiġenu, bl-unità mg/m$^3$;

BAT-AELs għall-emissjonjiet fl-ilma mogħtija f'dawn il-konklużjonijiet tal-BAT jirreferu għal:

— livelli ta' konċentrazzjoni espressi bħala massa ta' sustanzi skont il-volum ta' skart tal-ilma, bl-unità mg/l.

DEFINIZZJONIJIET

Għall-finijiet ta' dawn il-konklużjonijiet tal-BAT, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

| Terminu użat | Definizzjoni |
|---|---|
| Impjant ġdid | Impjant imħaddem għall-ewwel darba fl-installazzjoni wara l-pubblikazzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet tal-BAT jew sostituzzjoni totali ta' impjant fuq is-sisien eżistenti tal-installazzjoni wara l-pubblikazzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet tal-BAT. |
| Impjant eżistenti | Impjant li ma jkunx impjant ġdid. |
| Unità ġdida għal-likwefazzjoni tal-kloru | Unità għal-likwefazzjoni tal-kloru mħaddma għall-ewwel darba fl-impjant wara l-pubblikazzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet tal-BAT jew bdil komplet ta' unità għal-likwefazzjoni tal-kloru wara l-pubblikazzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet tal-BAT. |
| Kloru u diossidu tal-kloru, espressi bħala $Cl_2$ | L-ammont ta' kloru ($Cl_2$) u diossidu tal-kloru ($ClO_2$), mkejla flimkien u espressi bħala kloru ($Cl_2$). |
| Kloru ħieles, espress bħala $Cl_2$ | It-total ta' kloru elementari maħlul, ipoklorit, aċidu ipokloruż, bromu elementari maħlul, ipobromit, u aċidu ipobromiku, mkejla flimkien u espressi bħala $Cl_2$ |
| Merkurju, espress bħala Hg | It-total tal-ispeċi kollha inorganiċi u organiċi tal-merkurju, mkejla flimkien u espressi bħala Hg. |

KONKLUŻJONIJIET TAL-BAT

## 1. **Teknika taċ-ċellola**

*BAT 1: Il-BAT għall-produzzjoni ta' kloralkali għandha tuża teknika waħda jew taħlita tat-tekniki mogħtija hawn taħt. It-teknika taċ-ċellola tal-merkurju ma tistax titqies li hija BAT taħt ebda ċirkustanza. L-użu tad-dijaframmi tal-asbestos mhuwiex BAT.*

| | Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|---|
| a | It-teknika bipolari taċ-ċelluli tal-membrana | Iċ-ċelluli tal-membrana huma magħmulin minn anodu u katodu mifrudin permezz ta' membrana. F'konfigurazzjoni bipolari, ċelluli tal-membrana individwali huma elettrikament konnessi f'serje. | Applikabbli b'mod ġenerali. |
| b | It-teknika monopolari taċ-ċellola b'membrana | Iċ-ċelluli tal-membrana huma magħmulin minn anodu u katodu mifrudin permezz ta' membrana. F'konfigurazzjoni monopolari, ċelluli tal-membrana individwali huma elettrikament konnessi f'parallel. | Mhux aplikabbli għal impjanti ġodda b'kapaċità ta' kloru ta' > 20 kt/sena. |
| c | Teknika taċ-ċelluli tad-dijaframma ħielsa mill-asbestos | Iċ-ċelluli tad-dijaframma ħielsa mill-asbestos huma magħmulin minn anodu u katodu mifrudin permezz ta' dijaframma ħielsa mill-asbestos. ċelluli tad-dijaframma individwali huma elettrikament konnessi f'serje (bipolari) jew f'parallel (monopolari). | Applikabbli b'mod ġenerali. |

## 2. **Id-dekummissjonar jew il-konverżjoni ta' impjanti taċ-ċelluli tal-merkurju**

*BAT 2: Biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-merkurju u biex titnaqqas il-ġenerazzjoni ta' skart imniġġes bil-merkurju waqt id-dekummissjonar jew il-konverżjoni ta' impjanti taċ-ċelluli tal-merkurju, il-BAT għandu jelabora u jimplimenta pjan ta' dekummissjonar li jinkorpora l-aspetti kollha segwenti:*

i. l-inklużjoni ta' wħud mill-persunal li għandu esperjenza fil-ġestjoni tal-impjant ta' qabel fl-istadji kollha tal-eloborazzjoni u l-implimentazzjoni;

ii. il-provvediment ta' proċeduri u struzzjonijiet għall-istadji kollha tal-implimentazzjoni;

iii. il-provvediment ta' programm dettaljat ta' taħriġ u superviżjoni għal persunal mingħajr esperjenza fil-ġestjoni tal-merkurju;

iv. id-determinazzjoni tal-kwantità ta' merkurju metalliku li għandu jiġi irkuprat u l-istima tal-kwantità ta' skart li għandu jiġi mormi u tat-tniġġis tal-merkurju li jkun fih;

v. provvediment ta' żoni ta' ħidma li huma:

(a) mgħottija b'saqaf;

(b) mgħammrin b'art lixxa, immejla, li ma tixrobx l-ilma biex merkurju li jaqa' mal-art jiġi dirett lejn fossa għall-ġabra;

(c) imdawla sew;

(d) ħielsa minn oġġetti li jtellfu u mazkal li jistgħu jassorbu l-merkurju;

(e) mgħammra bi provvista tal-ilma għall-ħasil;

(f) imqabbda ma' sistema għat-trattament tal-iskart tal-ilma.

vi. it-tbattil taċ-ċelluli u t-trasferiment tal-merkurju metalliku għall-kontenituri billi:

(a) jekk possibbli s-sistema tinżamm magħluqa;

(b) jinħasel il-merkurju;

(c) jekk possibbli jintuża t-trasferiment permezz tal-gravità;

(d) jekk meħtieġ jitneħħew impuritajiet solidi mill-merkurju;

(e) il-kontenituri jimtlew sa ≤ 80 % tal-kapaċità volumetrika tagħhom;

(f) il-kontenituri jiġu ssiġillati ermetikament wara l-mili;

(g) iċ-ċelluli battala jinħaslu u wara jimtlew bl-ilma.

vii. l-operazzjonijiet ta' żarmar u t-twaqqigħ għandhom isehħu billi:

(a) jekk possibbli l-qtugħ b'mezzi jaħarqu tat-tagħmir jinbidel bi qtugħ b'mezzi kesħin;

(b) it-tagħmir jinħażen f'żoni xierqa;

(c) l-art taż-żona ta' ħidma tinħasel ta' sikwit;

(d) it-tindif mgħaġġel ta' merkurju li jaqa' mal-art bl-użu ta' tagħmir ta' aspirazzjoni b'filtri tal-karbonju attivati;

(e) issir kontabbiltà tal-flussi tal-iskart;

(f) skart imniġġes bil-merkurju jinfired minn skart mhux imniġġes;

(g) skart imniġġes bil-merkurju għandu jitnaddaf minn dan il-merkurju permezz ta' trattament mekkaniku u fiżiku (p.eż. il-ħasil, il-vibrazzjoni ultrasonika, il-vacuum cleaners), tekniki ta' trattament kimiku (p.eż. ħasil permezz tal-ipoklorit, salmura bil-kloru jew il-perossidu tal-idroġenu) u/jew tekniki tat-trattament termali (p.eż. id-distillazzjoni/id-distillazzjoni fi storta);

(h) jekk possibbli tagħmir li tneħħhielu t-tniġġis jiġi użat mill-ġdid jew riċiklat;

(i) it-tindif mit-tniġġis tal-bini tal-kamra taċ-ċelluli permezz tat-tindif tal-ħitan u l-art, segwit mill-kisi jew iż-żbigħ biex jingħataw superfiċe li ma tixrobx jekk il-bini jkun se jintuża mill-ġdid;

(j) it-tindif jew it-tiġdid tas-sistemi ta' ġbir tal-iskart tal-ilma fl-impjant jew madwar;

(k) il-konfinament taż-żona ta' ħidma u t-trattament tal-arja tal-ventilazzjoni meta jkunu mistennija konċentrazzjonijiet għolja ta' merkurju (eż. għall-ħasil bi pressa għolja); tekniki tat-trattament għall-ventilazzjoni tal-arja jinkludu l-adsorbiment fuq karbonju attivat jodat jew sulfurat, it-tisfija permezz tal-ipoklorit jew salmura bil-kloru jew permezz taż-żieda tal-kloru biex jiġi ffurmat diklorur tad-dimerkurju solidu;

(l) it-trattament tal-iskart tal-ilma li fih il-merkurju, inkluż l-ilma tal-ħasla li jkun intuża għat-tindif tat-tagħmir protettiv;

(m) is-sorveljanza tal-merkurju fl-arja, l-ilma u l-iskart, inkluż għal żmien xieraq wara l-finalizzazzjoni tad-dekummissjonar jew il-konverżjoni;

viii. jekk ikun hemm il-ħtieġa, ħażna interim ta' merkurju metalliku fuq is-sit f'faċilitajiet ta' ħażna li jkunu:

(a) mdawlin sew u li huma milqugħin mit-temp;

(b) mgħammrin b'konteniment sekondarju xieraq li kapaċi jżomm 110 % tal-volum likwidu ta' kull kontenitur waħdieni;

(c) ħieles minn oġġetti li jtellfu u mazkal li jistgħu jassorbu l-merkurju;

(d) mgħammrin b'tagħmir ta' aspirazzjoni b'filtri tal-karbonju attivati;

(e) spezzjonati perjodikament, kemm viżwalment kif ukoll permezz ta' tagħmir għas-sorveljanza tal-merkurju.

ix. jekk meħtieġ, trasport, iktar trattament potenzjali u rimi tal-iskart.

*BAT 3: Biex jitnaqqqu l-emissjonijiet tal-merkurju fl-ilma waqt id-dekummissjonar jew il-konverżjoni ta' impjanti taċ-ċelluli tal-merkurju, il-BAT għandu juża teknika waħda jew taħlita tat-tekniki msemmija hawn taħt.*

| | Teknika | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| a | Ossidazzjoni jew skambju tal-joni | Aġenti tal-ossidazzjoni bħall-ipoklorit, il-kloru jew il-perossidu tal-idroġenu jintużaw għall-konverżjoni sħiħa tal-merkurju f'forma ossidata, li sussegwentement titneħħa permezz ta' reżini għall-iskambju tal-joni. |
| b | L-ossidazzjoni u l-preċipitazzjoni | Aġenti tal-ossidazzjoni bħall-ipoklorit, il-kloru jew il-perossidu tal-idroġenu jintużaw għall-konverżjoni sħiħa tal-merkurju f'forma ossidata, li sussegwentement titneħħa permezz tal-preċipitazzjoni bħala sulfur tal-merkurju, segwit mill-filtrazzjoni. |
| c | Riduzzjoni u adsorbiment fuq il-karbonju attivat | Aġenti tat-tnaqqis bħall-idrossilamina jintużaw għall-konverżjoni sħiħa tal-merkurju fil-forma elementali tiegħu, li sussegwentement titneħħa permezz tal-koalexxenza u l-irkupru tal-merkurju metalliku, segwit mill-adsorbiment fuq il-karbonju attivat. |

Il-**livell ta' prestazzjoni ambjentali assoċjat mal-BAT** [1] għall-emissjonijiet tal-merkurju fl-ilma, espress bħala Hg, fil-punt tal-ħruġ tal-unità għat-trattament tal-merkurju waqt id-dekummissjonar jew il-konverzjoni huwa 3 – 15 μg/l f'kampjuni komposti proporzjonati mal-flussi meħudin kuljum. Is-sorveljanza assoċjata hija f'BAT 7.

3. **Il-ġenerazzjoni tal-ilma tal-iskart**

*BAT 4: Sabiex titnaqqas il-ġenerazzjoni ta' skart tal-ilma, il-BAT għandu juża taħlita tat-tekniki msemmija hawn taħt.*

| | Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|---|
| a | Ir-riċirkolazzjoni tas-salmura | Is-salmura mnaddfa miċ-ċelluli tal-elettroliżi hija saturata mill-ġdid bil-melħ solidu jew permezz tal-evaporazzjoni u mdaħħla mill-ġdid fiċ-ċelluli. | Mhux applikabbli għall-impjanti taċ-ċelluli dijaframmi. Mhux applikabbli għall-impjanti taċ-ċelluli tal-membrana li jużaw salmura estratta permezz ta' spiera fuq il-post meta melħ abbundanti u riżorsi tal-ilma u korp tal-ilma riċevitur tas-soluzzjoni salina, li jittollera livelli għoljin ta' emissjonijiet tal-klorur huwa disponibbli. Mhux applikabbli għal impjanti taċ-ċelluli tal-membrana li jużaw il-porga bis-salmura f'unitajiet tal-produzzjoni oħra. |
| b | Ir-riċiklaġġ u flussi oħra tal-proċess | Il-fluss tal-proċess mill-impjant tal-kloralkali bħall-fwar mill-kloru, l-idrossidu tas-sodju/l-potassju u l-idroġenu jiddaħħlu lura waqt stadji varji tal-proċess. Il-grad tar-riċiklaġġ huwa limitat mir-rekwiżiti tal-purità tal-fluss likwidu li għalih il-fluss tal-proċess huwa riċiklat u l-bilanċ tal-ilma fl-impjant. | Applikabbli b'mod ġenerali. |
| c | Ir-riċiklaġġ ta' skart tal-ilma li fih il-melħ minn proċessi ta' produzzjoni oħra | Skart tal-ilma li fih il-melħ minn proċessi tal-produzzjoni oħra huwa trattat u mdaħħal mill-ġdid fis-sistema tas-salmura. Il-grad tar-riċiklaġġ huwa limitat mir-rekwiżiti tal-purità tas-sistema tas-salmura u l-bilanċ tal-ilma fl-impjant. | Mhux applikabbli għal impjanti fejn it-trattament addizzjonali ta' dan l-iskart tal-ilma ipatti għall-benefiċċji ambjentali. |

[1] Peress li dan il-livell ta' prestazzjoni ma jirrelatax ma' kundizzjonijiet normali ta' tħaddim, dan mhuwiex livell ta' emissjoni assoċjat mal-Aqwa Tekniki Disponibbli fis-sens tal-Artikolu 3(13) tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali (2010/75/UE).

| | Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|---|
| d | L-użu tal-ilma għall-estrazzjoni permezz ta' spiera fuq il-post | Ilma tal-iskart mill-impjant tal-kloralkali huwa ttrattat u ppumpjat lura lejn il-minjiera tal-melħ. | Mhux applikabbli għal impjanti taċ-ċelluli tal-membrana li jużaw il-porga bis-salmura f'unitajiet tal-produzzjoni oħra. Mhux applikabbli jekk il-minjiera tkun tinsab f'altitudni sinifikament ogħla mill-impjant. |
| e | Il-konċentrazzjoni tal-ħama mill-filtrazzjoni tas-salmura | Il-ħama mill-filtrazzjoni tas-salmura hija kkonċentrata fi preses tal-filtri, tanbur rotattiv filtranti b'vakwu jew ċentrifugi. L-ilma li jibqa' jiddaħħal lura fis-sistema tas-salmura. | Mhux applikabbli jew il-ħama mill-filtrazzjoni tas-salmura tista' titneħħa bħala ċappa niexfa. Mhux applikabbli għall-impjanti li jużaw mill-ġdid l-iskart tal-ilma għall-estrazzjoni permezz ta' spiera fuq il-post. |
| f | In-nanofiltrazzjoni | Tip speċifiku ta' filtrazzjoni permezz tal-membrana b'daqsijiet tal-pori tal-membrana ta' madwar 1 nm, użat għall-konċentrazzjoni tas-sulfat fil-porga bis-salmura, li b'hekk inaqqas il-volum tal-iskart tal-ilma. | Applikabbli għall-impjanti taċ-ċelluli tal-membrana bir-riċirkolazzjoni tas-salmura, jekk ir-rata tal-porga bis-salmura tiġi determinata permezz tal-konċentrazzjoni tas-sulfat. |
| g | Tekniki għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-klorat | Tekniki għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-klorat huma deskritti f'BAT 14. Dawn it-tekniki jnaqqsu l-volum tal-porga bis-salmura. | Applikabbli għall-impjanti taċ-ċelluli tal-membrana bir-riċirkolazzjoni tas-salmura, jekk ir-rata tal-porga bis-salmura tiġi determinata permezz tal-konċentrazzjoni tal-klorat |

4. **L-effiċjenza enerġetika**

*BAT 5: Biex l-enerġija tiġi użata b'mod effiċjenti fil-proċess tal-elettroliżi, il-BAT għandu juża taħlita tat-tekniki mogħtija hawn taħt.*

| | Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|---|
| a | Membrani ta' prestazzjoni għolja | Membrani ta' prestazzjoni għolja juru tnaqqqis baxx fil-vultaġġ u effiċjenzi għolja fil-kurrent filwaqt li jiżguraw stabbiltà mekkanika u kimika taħt il-kundizzjonijiet ta' ħidma. | Applikabbli għall-impjanti taċ-ċelluli tal-membrani meta jkunu qegħdin jiġġeddu l-membrani fi tmiem il-ħajja tagħhom. |
| b | Dijaframmi ħielsa mill-asbestos | Dijaframmi ħielsa mill-asbestos huma magħmulin minn polimeru tal-fluworokarbonju u mili bħad-diossidu taż-żirkonju. Dawn id-dijaframmi juru sovrapotenzi tar-reżistenza iktar baxxi mid-dijaframmi tal-asbestos. | Applikabbli b'mod ġenerali |
| c | Elettrodi u kisi ta' prestazzjoni għolja | Elettrodi u kisi b'rilaxx tal-gass imtejjeb (sovrapotenza ta' bużżieqa tal-gass iktar baxxa) u potenzjal ġenerali tal-elettrodi baxx. | Applikabbli meta jkun qiegħed jiġġedded il-kisi fi tmiem il-ħajja tiegħu. |
| d | Salmura ta' purità għolja | Is-salmura hija msoffija biżżejjed biex timminimizza t-tniġġis tal-elettrodi u d-dijaframmi/elettrodi, li kieku jistgħu jżidu l-konsum tal-enerġija. | Applikabbli b'mod ġenerali. |

*BAT 6: Biex ikun hemm użu effiċjenti tal-enerġija, il-BAT għandu jimmassimizza l-użu tal-idroġenu ko-prodott mill-elettroliżi bħala reaġent kimiku jew karburant.*

Deskrizzjoni

L-idroġenu jista' jintuża f'reazzjonijiet kimiċi (eż. il-produzzjoni tal-ammonja, il-perossidu tal-idroġenu, l-aċidu idrokloridriku, u l-metanol; riduzzjoni tal-komposti organiċi; l-idrodesulfurizzazzjoni taż-żejt mhux maħdum; l-idroġenazzjoni taż-żjut u ż-żift; tmiem tal-katina fil-produzzjoni tal-poljolefina) jew bħala karburant fi proċess tal-kombustjoni għall-produzzjoni tal-fwar u/jew l-elettriku jew biex jissaħħan forn. Il-grad sa fejn l-idroġenu huwa użat jiddependi fuq għadd ta' fatturi (eż. id-domanda għall-idroġenu bħala reaġent fuq is-sit, id-domanda għall-fwar fuq is-sit, id-distanza mill-utenti potenzjali).

## 5. **Monitoraġġ tal-emissjonijiet**

*BAT 7: Il-BAT għandha tissorvelja l-emissjonijiet fl-arja u fl-ilma permezz ta' tekniki skont l-istandards EN b'tal-inqas il-frekwenza minima mogħtija hawn taħt. Jekk l-istandards EN ma jkunux disponibbli, Il-BAT għandha tuża l-istandards ISO, jew ta' standards nazzjonali jew internazzjonali oħra li jiżguraw il-provvediment ta' dejta ta' kwalità xjentifika ekwivalenti.*

| Midjum ambjentali | Sustanz(a/i) | Il-punt għat-teħid tal-kampjuni | Il-metodu | Standard(s) | Frekwenza minima ta' sorveljanza | Sorveljanza assoċjata mal- |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Arja | Kloru u diossidu tal-kloru, espressi bħala $Cl_2$ (1) | Punt tal-ħruġ tal-unità tal-assorbiment tal-kloru | ċelluli elettrokimiċi | L-ebda standard EN jew ISO mhuwa disponibbli | Kontinwu | — |
| | | | Assorbiment f'soluzzjoni, b'analiżi sussegwenti | L-ebda standard EN jew ISO mhuwa disponibbli | Ta' kull sena (minn tal-inqas tliet kejliet ta' kull siegħa konsekuttivi) | BAT 8 |
| Ilma | Klorat | Fejn l-emissjoni tħalli l-istallazzjoni | Kromatografija tal-jonji | EN ISO 10304–4 | Kull xahar | BAT 14 |
| | Klorur | Porga bis-salmura | Kromatografija tal-jonji jew analiżi tal-flussi | EN ISO 10304–1 jew EN ISO 15682 | Kull xahar | BAT 12 |
| | Kloru ħieles (1) | Qrib is-sors | Il-potenzjal ta' riduzzjoni | L-ebda standard EN jew ISO mhuwa disponibbli | Kontinwu | — |
| | | Fejn l-emissjoni tħalli l-istallazzjoni | Kloru ħieles | EN ISO 7393–1 jew –2 | Kull xahar | BAT 13 |
| | Kompost organiku aloġenat | Porga bis-salmura | Aloġenati marbutin organikament adsorbabbli (AOX) | Anness A ta' EN ISO 9562 | Kull sena | BAT 15 |
| | Merkurju | Punt tal-ħruġ tal-unità tat-trattament tal-merkurju | Spettrometrija tal-assorbiment atomiku jew spettrometrija tal-fluworexxenza atomika | EN ISO 12846 jew EN ISO 17852 | Kuljum | BAT 3 |

| Midjum ambjentali | Sustanz(a/i) | Il-punt għat-teħid tal-kampjuni | Il-metodu | Standard(s) | Frekwenza minima ta' sorveljanza | Sorveljanza assoċjata mal- |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Sulfat | Porga bis-salmura | Kromatografija tal-jonji | EN ISO 10304-1 | Kull sena | — |
| | Metalli tqal rilevanti (p.eż. in-nikil, ir-ram) | Porga bis-salmura | Spettrometrija tal-emissjoni ottika indotta bl-akkoppjar plażma jew spettrometrija tal-massa indotta bl-akkoppjar plażma | EN ISO 11885 jew EN ISO 17294-2 | Kull sena | — |

(1) Is-sorveljanza tkopri kemm is-sorveljanza kontinwa kif ukoll dik perjodika kif indikat.

6. **Emissjonijiet fl-arja**

*BAT 8: Biex jitnaqqsu l-emissjonijiet konċentrati ta' kloru u diossidu tal-kloru fl-arja mill-ipproċessar tal-kloru, il-BAT għandha tfassal, iżomm u tħaddem unità għall-assorbiment tal-kloru li tinkorpora taħlita xierqa tal-aspetti segwenti:*

i. unità tal-assorbiment ibbażata fuq kolonni ppakkjati u/jew espulsuri b'soluzzjoni alkalina (eż. soluzzjoni ta' idrossidu tas-sodju) bħala likwidu għat-tindif;

ii. tagħmir għad-dosaġġ tal-perossidu tal-idroġenu jew sistemi separati ta' tisfija mill-impuritajiet fl-umdu bil-perossidu tal-idroġenu jekk meħtieġ biex jitnaqqsu l-konċentrazzjonijiet ta' diossidu tal-kloru;

iii. daqs adatt għall-agħar każ possibbli (meħud minn valutazzjoni tar-riskju), f'termini tal-kwantità ta' kloru prodott u r-rata tal-flussi (assorbiment tal-produzzjoni kollha tal-kamra taċ-ċelluli għal żmien twil biżżejjed sakemm l-impjant jingħalaq);

iv. id-daqs tal-provvista tal-likwidu għat-tindif u l-kapaċità tal-ħażna adatta biex jiġi żgurat li jkun hemm ammont żejjed f'kull ħin;

v. fil-każ tal-kolonni ppakkjati, id-daqs tagħhom għandu jkun adatt biex jipprevjeni l-għargħar f'kull ħin;

vi. il-prevenzjoni tad-dħul ta' kloru likwidu fl-unità tal-assorbiment;

vii. il-prevenzjoni ta' flussi b'lura ta' likwidu għat-tindif lejn is-sistema tal-kloru;

viii. il-prevenzjoni ta' preċipitazzjoni solida fl-unità tal-assorbiment;

ix. l-użu ta' skambjaturi tas-sħana biex jillimitaw it-temperatura fl-unità tal-assorbiment għal taħt il-55 °C f'kull ħin;

x. provvista ta' arja tad-dilwizzjoni wara l-assorbiment tal-kloru għall-prevenzjoni tal-formazzjoni ta' taħlitiet splussivi ta' gass;

xi. użu ta' materjal tal-kostruzzjoni li jiflaħ għall-kundizzjonijiet estremament korrużivi f'kull ħin;

xii. użu ta' tagħmir sostitut, bħal tagħmir addizzjonali għat-tindif f'serje ma' dak li jkun qiegħed jitħaddem, tank tal-emerġenza b'likwidu tat-tindif li jagħti għat-tagħmir tat-tindif permezz tal-gravità, fannijiet ta' riżerva u oħrajn żejda, pompi ta' riżerva u oħrajn żejda;

xiii. provvediment ta' sistema ta' riżerva indipendenti għal tagħmir elettriku kritiku;

xiv. provvediment ta' swiċċ awtomatiku għas-sistema ta' riżerva f'każ ta' emerġenzi, inklużi testijiet perjodiċi fuq din is-sistema u s-swiċċ;

xv. provvediment ta' sistema ta' sorveljanza u twissija għall-parametri segwenti:

(a) kloru fil-punt ta' ħruġ tal-unità ta' assorbiment u ż-żona tal-madwar;

(b) it-temperatura tal-likwidi tat-tindif;

(c) il-potenzjal tar-riduzzjoni u l-alkalinità tal-likwidi tat-tindif;

(d) pressjoni ta' ġbid;

(e) ir-rata tal-flussi tal-likwidi tat-tindif.

Il-**livell ta' emissjoni assoċjat mal-BAT** għall-kloru u d-diossidu tal-kloru, mkejla flimkien u espressi bħala $Cl_2$, huwa 0,2 – 1,0 mg/m$^3$, bħala valur medju ta' mill-inqas tliet kejliet ta' kull siegħa konsekuttivi meħudin minn tal-inqas darba fis-sena fil-punt tal-ħruġ tal-unità ta' assorbiment tal-kloru. Is-sorveljanza assoċjata hija f'BAT 7.

*BAT 9: L-użu tat-tetraklorur tal-karbonju għat-tneħħija tat-triklorur tan-nitroġenu jew l-irkupru tal-kloru mill-gass residwu mhuwiex BAT*

*BAT 10: L-użu ta' refriġiranti b'potenzjal għoli għat-tisħin globali, u fi kwalunkwe każ ogħla minn 150 (eż. bosta idrofluworokarburi (HFCs)), f'unitajiet ġodda tal-likwefazzjoni ma jistgħux jitqiesu bħala BAT.*

D e s k r i z z j o n i

Refriġeranti adatti jinkludu, pereżempju:

— taħlita tad-diossidu tal-karbonju u ammonja f'żewġ ċirkwiti tat-tibrid;

— kloru;

— ilma.

A p p l i k a b b i l t à

L-għażla tar-refriġerant għandha tqis is-sikurezza operazzjonali u l-effiċjenza enerġetika.

7. **Emissjonijiet fl-ilma**

*BAT 11: Biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa, il-BAT għandu juża taħlita xierqa tat-tekniki mogħtija hawn taħt.*

| | Teknika | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| a | Tekniki integrati fil-proċess (1) | Tekniki li jipprevenu jew inaqqsu l-ġenerazzjoni ta' sustanzi niġġiesa |
| b | Trattament tal-iskart tal-ilma fis sors (1) | Tekniki għat-tnaqqis jew l-irkupru ta' sustanzi niġġiesa qabel it-tluq tagħhom fis-sistema tal-ġbir tal-iskart tal-ilma |
| c | It-trattament ta' qabel tal-iskart tal-ilma (2) | Tekniki għat-tnaqqis tas-sustani niġġiesa qabel it-trattament finali tal-iskart tal-ilma |
| d | Trattament finali tal-iskart tal-ilma (2) | Trattament tal-iskart finali tal-ilma permezz ta' tekniki mekkaniċi, fiżiko-kimiċi u/jew bijoloġiċi qabel it-tluq lejn korp tal-ilma riċeventi |

(1) Kopert permezz ta' BAT 1, 4, 12, 13, 14 u 15.
(2) Fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-dokument ta' referenza tal-BAT dwar Sistemi tal-Ġestjoni Komuni tat-Trattament tal-Ilma tal-Iskart u tal-Gass tal-Iskart fis-Settur Kimiku (CWW BREF)

*BAT 12: Biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-klorur fl-ilma mill-impjnat tal-kloralkali, il-BAT għandha tuża taħlita ta' tekniki mogħtija f'BAT 4.*

*BAT 13: Biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-kloru ħieles fl-ilma mill-impjant tal-kloralkali, il-BAT għandu jitratta l-flussi tal-iskart tal-ilma li fihom il-kloru ħieles kemm jista' jkun qrib is-sors, biex jipprevjeni t-tqaxxir tal-kloru u/jew il-formazzjoni ta' komposti organiċi aloġenati, permezz tal-użu ta' taħlita waħda jew iktar tat-tekniki mogħtija hawn taħt.*

| | Teknika | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| a | Riduzzjoni kimika | Il-kloru ħieles jinqered permezz ta' reazzjoni ma' aġenti riduċenti, bħall perossidu tas-sulfit u tal-idroġenu, f'tankijiet imħawda. |
| b | Dekompożizzjoni katalitika | Il-kloru ħieles huwa dekompost fi klorur u ossiġenu f'reatturi (katalitiċi) b'sodda fissa. Il-katalist jista' jkun ossidu tan-nikil promoss bil-ħadid fuq sapport tal-alumina. |

| | Teknika | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| c | Dekompożizzjoni termali | Il-kloru ħieles huwa konvertit fi klorur u klorat permezz tad-dekompożizzjoni termali f'temperatura ta' madwar 70 °C. L-effluwent li jirriżulta jirrekkjedi iktar trattament għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' klorat u bromat (BAT 14). |
| d | Dekompożizzjoni aċidika | Il-kloru ħieles huwa dekompost permezz tal-aċidifikazzjoni, b'rilaxx u rkupru sussegwenti ta' kloru. Id-dekompożizzjoni aċidika tista' sseħħ f'reattur separat jew permezz tar-riċiklaġġ tal-iskart tal-ilma lejn is-sistema tas-salmura. Il-grad tar-riċiklaġġ tal-iskart tal-ilma lejn iċ-ċirkwit tas-salmura huwa ristrett permezz tal-bilanċ tal-ilma tal-impjant. |
| e | Riċiklaġġ tal-iskart tal-ilma | Flussi tal-iskart tal-ilma mill-impjant tal-kloralkali li fihom il-kloru ħieles jiġu riċiklati lejn unitajiet oħra ta' produzzjoni. |

Il-livell ta' emissjoni assoċjat mal-BAT għall-kloru ħieles, espress bħala $Cl_2$, huwa 0,05 -0,2 mg/l f'kampjuni fuq il-post meħudin minn tal-inqas darba fix-xahar fil-punt fejn l-emissjoni tħalli l-istallazzjoni. Is-sorveljanza assoċjata hija f'BAT 7.

*BAT 14: Biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-klorat fl-ilma mill-impjnat tal-kloralkali, il-BAT għandha tuża taħlita ta' tekniki mogħtija hawn taħt.*

| | Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|---|
| a | Membrani ta' prestazzjoni għolja | Membrani li juru effiċjenzi għolja tal-kurrent, li jnaqqsu l-formazzjoni tal-klorat filwaqt li jiżguraw l-istabbiltà mekkanika u kimika taħt il-kundizzjonijiet operattivi. | Applikabbli għall-impjanti taċ-ċelluli tal-membrani meta jkunu qegħdin jiġġeddu l-membrani fi tmiem il-ħajja tagħhom. |
| b | Kisjiet bi prestazzjoni għolja | Kisjiet b'sovrapotenzi tal-elettrodi baxxi li jwasslu għall-formazzjoni mnaqqsa tal-klorat u formazzjoni miżjuda tal-ossiġenu fl-anodu. | Applikabbli meta jkunu qegħdin jiġġeddu l-kisjiet fi tmiem il-ħajja tagħhom. L-applikabbiltà tista' tiġi ristretta permezz tar-rekwiżiti ta' kwalità tal-kloru prodott (konċentrazzjoni tal-ossiġenu). |
| c | Salmura ta' purità għolja | Is-salmura hija msoffija biżżejjed biex timminimizza it-tniġġis tal-elettrodi u d-dijaframmi/membrani, li kieku jżidu l-formazzjoni tal-klorat. | Applikabbli b'mod ġenerali. |
| d | Aċidifikazzjoni tas-salmura | Is-salmura tiġi aċidifikata qabel l-elettroliżi, biex titnaqqas il-formazzjoni tal-klorat. Il-grad ta' aċidifikazzjoni huwa limitat permezz tar-reżistività tat-tagħmir użat (p.eż. membrani u anodi). | Applikabbli b'mod ġenerali. |
| e | Riduzzjoni aċidika | Il-klorat jiġi ridott permezz tal-aċidu idrokloriku f'valuri tal-pH ta' 0 u f'temperaturi ogħla minn 85 °C. | Mhux applikabbli għall-impjanti li fihom is-salmura tgħaddi darba. |
| f | Riduzzjoni katalitika | F'reattur taħt pressjoni għolja b'sodda perkolatriċi, il-klorat jiġi ridott għal klorur permezz tal-idroġenu u katalist tar-rodju f'reazzjoni fuq tliet fażijiet. | Mhux applikabbli għall-impjanti li fihom is-salmura tgħaddi darba. |

| | Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|---|
| g | L-użu ta' flussi tal-iskart tal-ilma li fihom il-klorat f'unitajiet ta' produzzjoni oħra | Il-flussi tal-iskart tal-ilma mill-impjanti tal-kloralkali jiġu riċiklati lejn unitajiet tal-produzzjoni oħra, tipikament lejn is-sistema tas-salmura ta' unità għall-produzzjoni tal-klorat tas-sodju. | Ristrett għal siti li jistgħu jagħmlu użu minn flussi tal-iskart tal-ilma ta' din il-kwalità f'unitajiet tal-produzzjoni oħra. |

*BAT 15: Biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' komposti organiċi aloġenati fl-ilma mill-impjnat tal-kloralkali, il-BAT għandha tuża taħlita ta' tekniki mogħtija hawn taħt.*

| | Teknika | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| a | Għażla u kontroll tal-melħ u materjali anċillari | Melħ u materjali anċillari jintgħażlu u jiġu kkontrollati biex jitnaqqas il-livell ta' kontaminanti organiċi fis-salmura. |
| b | Tisfija tal-ilma | Tekniki bħall-filtrazzjoni tal-membrani, skambju tal-joni, irradjazzjoni tal-UV u l-adsorbiment fuq karbonju attivat jistgħu jintużaw biex jissaffa l-ilma tal-proċess, u b'hekk jitnaqqas il-livell ta' kontaminanti organiċi fis-salmura. |
| c | Għażla u kontroll tat-tagħmir | It-tagħmir, bħal ċelluli, tubi, valvi u pompi, jingħażel sew biex jitnaqqas ir-riħi potenzjali ta' kontaminanti organiċi fis-salmura. |

## 8. **Il-ġenerazzjoni tal-iskart**

*BAT 16: Biex titnaqqas il-kwantità ta' aċidu tal-kubrit użat mibgħut għar-rimi, il-BAT għandha tuża teknika waħda jew taħlita ta' tekniki mogħtija hawn taħt. In-newtralizzazzjoni tal-aċidu tal-kubrit użat mit-tnixxif tal-kloru permezz ta' reaġenti verġni mhuwiex BAT.*

| | Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|---|
| a | Użu fuq is-sit jew barra mis-sit | L-aċidu eżawrit jiġi użat għal għanijiet oħra, bħall-kontroll tal-pH fl-iskart tal-ilma u fl-ilma tal-proċess, jew biex jinqered l-ipoklorit. | Applikabbli għal siti b'domanda fuq is-sit u barra s-sit għall-aċidu eżawrit ta' din il-kwalità. |
| b | Rikonċentrazzjoni | L-aċidu eżawrit jiġi rikonċentrat fuq is-sit jew barra s-sit f'evaporaturi biċ-ċirku magħluq f'vakwu permezz tat-tishin indirett jew permezz tat-tisħiħ bit-triossidu tal-kubrit. | Ir-rikonċentrazzjoni barra mis-sit hija ristretta għal siti fejn fornitur tas-servizz ikun jinsab fil-qrib. |

Il-**livell ta' prestazzjoni ambjentali assoċjata mal-BAT** għall-kwantità ta' aċidu tal-kubrit eżawrit mibgħut għar-rimi, espress bħala $H_2SO_4$ (96 wt-%), huwa ≤ 0,1 kg għal kull tunellata ta' kloru prodott.

## 9. **Rimedjazzjoni tas-sit**

*BAT 17: Biex jitnaqqas it-tniġġis tal-ħamrija, l-ilma tal-pjan u l-arja, kif ukoll biex jitwaqqaf it-tixrid tas-sustanzi niġġiesa u t-trasferiment minn siti tal-kloralkali kontaminati lejn il-bijota, il-BAT għandha tippjana u timplimenta pjan għar-rimedjazzjoni tas-sit li jinkorpora l-aspetti kollha segwenti:*

i. l-implimentazzjoni ta' tekniki ta' emerġenza biex jitwaqqfu l-mogħdijiet tal-esponiment u l-espansjoni tal-kontaminazzjoni;

ii. studju preliminari li uża t-tagħrif disponobbli biex jiġu identifikati l-oriġini, l-firxa u s-sawra tal-kontaminazzjoni (p.eż. merkurju, PCDDs/PCDFs, naftaleni poliklorinati);

iii. il-karatterizzazzjoni tal-kontaminazzjoni, inklużi stħarriġiet u t-tħejjija ta' rapport;

iv. valutar tar-riskju tul iż-żmien u l-ispazju bħala funzjoni tal-użu attwali u dak futur approvat tas-sit;

v. tħejjija ta' proġett tal-inġinerija inkluży:

(a) id-dekontaminazzjoni u/jew il-konteniment permanenti;

(b) skedi tal-ħinijiet:

(c) pjan ta' sorveljanza;

(d) pjanar u investiment finanzjarju għall-kisba tal-mira;

vi. l-implimentazzjoni tal-proġett ta' inġinerija biex is-sit, filwaqt li jitqies l-użu attwali u dak futur approvat tiegħu, ma jibqax ikun ta' riskju sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent. Skont obbligi oħra, il-proġett ta' inġinerija jista' jkollu jiġi implimentat b'mod iktar strett;

vii. restrizzjonijiet dwar l-użu tas-sit bħala riżultat ta' kontiminazzjoni permezz tar-residwi u filwaqt li jitqies l-użu attwali u dak futur approvat tas-sit;

viii. sorveljanza assoċjata fuq is-sit u fiż-żoni tal-madwar biex ikun hemm verifika li l-għanijiet jinkisbu u jinżammu.

Deskrizzjoni

Pjan għar-rimedjazzjoni tas-sit normalment tkun pjanata u implimentata wara t-teħid ta' deċiżjoni biex l-impjant ikun dekummissjonat, għalkemm rekwiżiti oħra jistgħu jimponu pjan għar-rimedjazzjoni (parzjali) filwaqt li l-impjant ikun għadu jitħaddem.

Ċerti aspetti tal-pjan tar-rimedjazzjoni tas-sit jistgħu jidħlu fuq xulxin, jinqabżu jew jiġu implimentati f'ordni oħra, skont rekwiżiti oħra.

Applikabbiltà

L-applikabbiltà tal-BAT 17(v) sa 17(viii) hija soġġetta għar-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju msemmi f'BAT 17(iv).

GLOSSARJU

| | |
|---|---|
| **Anodu** | Elettrodu li minnu jgħaddi l-kurrent elettriku lejn apparat elettriku polarizzat. Il-polarità tista' tkun pożittiva jew negattiva. F'ċelluli elettrolitiċi, l-ossidazzjoni sseħħ fl-anodu kkargat pożittivament. |
| **Asbestos** | Sett ta' sitt minerali silikati li jinsabu b'mod naturali sfruttati kummerċjalment għall-proprjetajiet fiżiċi pożittivi tagħhom. Il-krisotil (imsejjaħ ukoll asbestos abjad) huwa l-unika għamla ta' asbestos użat fl-impjanti taċ-ċelluli dijaframmi. |
| **Salmura** | Soluzzjoni saturata jew kważi saturata bil-klorur tas-sodju jew bil-klorur tal-potassju. |
| **Katodu** | Elettrodu li minnu jgħaddi l-kurrent elettriku 'l barra minn apparat elettriku polarizzat. Il-polarità tista' tkun pożittiva jew negattiva. F'ċelluli elettrolitiċi, ir-riduzzjoni sseħħ fil-katodu kkargat pożittivament. |
| **Elettrodu** | Konduttur elettriku użat biex isir kuntatt ma' parti mhux metallika ta' ċirkwit elettriku. |
| **Elettroliżi** | Passaġġ ta' kurrent elettriku dirett minn sustanza jonika, li tirriżulta f'reazzjonijiet kimiċi mal-elettrodi. Is-sustanza jonika tiddewweb jew tinħall f'solvent xieraq. |
| **EN** | Standard Ewropew adotat mis-CEN (il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni). |
| **HFC** | Fluworoidrokarbur. |
| **ISO** | Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni jew standard adotat minn din l-organizzazzjoni. |
| **Sovrapotenza** | Differenza fil-vultaġġ bejn il-potenzjal ta' riduzzjoni determinat b'mod termodinamiku ta' nofs reazzjoni u l-potenzjal li fih l-avveniment tal-ossiriduzzjoni jiġi osservat b'mod sperimentali. F'ċellola elettrolitika s-sovrapotenza twassal għall-konsum ta' iktar enerġija milli huwa termodinamikament mistenni li jimbotta reazzjoni. |
| **PCDD** | Dibenżo-p-diossina poliklorinata. |
| **PCDF** | dibenżofuran poliklorinat. |

# ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI Nru 1/2013 TAL-KUMITAT KONĠUNT GĦALL-AGRIKOLTURA

**tat-28 ta' Novembru 2013**

**dwar l-emenda tal-Anness 10 għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ tal-prodotti agrikoli**

(2013/733/UE)

IL-KUMITAT KONĠUNT GĦALL-AGRIKOLTURA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ tal-prodotti agrikoli, u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli (minn hawn 'il quddiem "il-ftehim") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2002.

(2) L-Anness 10 jikkonċerna l-għarfien tal-kontrolli ta' konformità għall-frott u ħaxix mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni.

(3) Skont l-Artikolu 6 tal-Anness 10 tal-Ftehim, il-Grupp ta' Ħidma għall-Frott u l-Ħaxix jikkunsidra kwalunkwe kwistjoni li hija marbuta mal-Anness 10 u l-implimentazzjoni tagħha u minn żmien għal żmien jeżamina mill-ġdid il-liġijiet u r-regolamenti interni tal-Partijiet fl-oqsma koperti bl-Anness 10. B'mod partikolari, il-grupp ta' ħidma jressaq proposti lill-Kumitat bil-għan li jiġu adattati u aġġornati l-Appendiċijiet tal-Anness. Skont dan, il-grupp ta' ħidma kkonkluda li l-kontenut tal-Artikoli kif ukoll l-appendiċijiet tal-Anness 10 jeħtieġ li jiġu adattati.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Anness 10 għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ fil-prodotti agrikoli għandu jinbidel bit-test li jidher fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-17 ta' Diċembru 2013.

Magħmul f'Berne, it-28 ta' Novembru 2013.

*Għall-Kumitat Konġunt għall-Agrikoltura*

*Il-Kap tad-Delegazzjoni tal-UE*

Susana MARAZUELA-AZPIROZ

*Il-president u l-kap tad-delegazzjoni Svizzera*

Jacques CHAVAZ

*Is-Segretarju tal-Kumitat*

Michaël WÜRZNER

*ANNESS*

*"ANNESS 10*

**DWAR L-GĦARFIEN TAL-KONTROLLI TAL-KONFORMITÀ GĦALL-FROTT U L-ĦXEJJEX SOĠĠETTI GĦALL-ISTANDARDS TA' KUMMERĊJALIZZAZZJONI**

*Artikolu 1*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Dan l-Anness għandu japplika għall-frott frisk u l-ħxejjex li jittieklu friski jew imnixxfin, li dwarhom ġew stabbiliti jew rikonoxxuti standards ta' kummerċjalizzazzjoni mill-Unjoni Ewropea bħala alternattivi għall-istandard ġenerali skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament dwar l-OKS unika) ([1]), għajr il-frott taċ-ċitru.

*Artikolu 2*

**Is-suġġett**

1. Prodotti kif imsemmija fl-Artikolu 1 li joriġinaw fl-Isvizzera jew fl-Unjoni Ewropea li jiġu esportati mill-ġdid lejn l-Unjoni Ewropea mill-Isvizzera u jkunu akkumpanjati minn ċertfikat ta' konformità kif imsemmi fl-Artikolu 3, m'għandhomx jiġu soġġetti għal kontroll ta' konformità mal-istandards ġewwa l-Unjoni qabel ma jidħlu fit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea.

2. L-Office Fédéral de l'Agriculture huwa b'dan innominat bħala l-aġenzija responsabbli għall-verifika tal-konformità mal-istandards tal-Unjoni Ewropea jew standards ekwivalenti ta' prodotti li joriġinaw fl-Isvizzera jew li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea u jiġu esportati mill-ġdid lejn l-Unjoni Ewropea mill-Isvizzera. Għal dan il-għan l-Office Fédéral de l'Agriculture jista' jiddelega l-poteri tiegħu biex iwettaq dawn il-verifiki lill-entitajiet elenkati fl-Appendiċi 1, bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

— l-Office Fédéral de l'Agriculture għandu jinnotifika lill-Kummissjoni Ewropea bl-entitajiet li ngħataw il-poter li jwettqu l-kontrolli,

— dawn l-entitajiet għandhom joħorġu ċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 3,

— l-entitajiet li jingħataw il-poteri għandu jkollhom spetturi li jingħataw taħriġ approvat mill-Office Fédéral de l'Agriculture, apparat meħtieġ sabiex iwettqu l-kontrolli u l-analiżi li l-ispezzjoni tkun teħtieġ, u faċilitajiet xierqa għall-komunikazzjoni.

3. Jekk l-Isvizzera tapplika kontrolli dwar il-konformità mal-istandards tal-marketing fir-rigward tal-prodotti msemmija fl-Artikolu1 qabel l-introduzzjoni tagħhom fit-territorju doganali Svizzeru, hija għandha tadotta dispożizzjonijiet ekwivalenti għal dawk stipulati f'dan l-Anness biex tagħti dispensa lill-prodotti li jorġinaw mill-Unjoni Ewropea minn tali miżuri.

*Artikolu 3*

**Ċertifikat ta' konformità**

1. Għall-għanijiet ta' dan l-Anness, "ċertifikat ta' konformità" jfisser:

— il-formula stabbilita fl-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 għas-setturi tal-frott u l-ħaxix u tal-frott u l-ħaxix ipproċessat ([2]),

— il-formula Svizzera stipulata fl-Appendiċi 2 ta' dan l-Anness,

— il-formola UN/ECE annessa mal-Protokoll ta' Ġinevra dwar l-istandardizazzjoni tal-frott u l-ħxejjex friki, lewż u frott imnixxef, jew

— il-formola tal-OECD annessa mad-deċiżjoni tal-Kunsill tal-OECD dwar l-arranġamenti tal-OECD għall-applikazzjoni ta' standards internazzjonali dwar il-frott u l-ħxejjex.

2. Kunsinni ta' prodotti li joriġinaw fl-Isvizzera jew li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea u li jiġu esportati mill-ġdid lejn l-Unjoni Ewropea mill-Isvizzera għandhom ikunu akkumpanjati minn ċertifikati ta' konformità sakemm jiġu rilaxxati fiċ-ċirkolazzjoni libera fit-territorju tal-Unjoni Ewropea.

3. Iċ-ċertifikati ta' konformità għandu jkollhom it-timbru ta' wieħed mill-entitajiet elenkati fl-Appendiċi għal dan l-Anness.

4. Fejn id-delegazzjoni tal-poter kif imsemmi fl-Artikolu 2(2) tiġi rtirata mingħand waħda mill-entitajiet li kienet ingħatat tali poter, iċ-ċertifikati ta' konformità maħruġa minn dik l-entità m'għandhomx jibqgħu iżjed rikonoxxuti għall-iskopijiet ta' dan l-Anness.

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 157,15.6.2011, p. 1.

*Artikolu 4*

**Skambju ta' informazzjoni**

1. Skont l-Artikolu 8 tal-Ftehim, il-Partijiet għandhom jibagħtu lil xulxin, inter alia, il-listi tagħhom ta' aġenziji u entitajiet awtorizzati li jagħmlu verifiki ta' konformità. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tinforma lill-Office Fédéral de l'Agriculture bi kwalunkwe irregolarità jew infrazzjoni misjuba inkonnessjoni mal-konformità mal-istandards fis-seħħ dwar il-kwalità fir-rigward ta' kunsinni ta' frott u ħxejjex li joriġinaw fl-Isvizzera jew fl-Unjoni Ewropea u jiġu esportati mill-ġdid mill-Isvizzera lejn l-Unjoni Ewropea koperti miċ-ċertifikati ta' konformità.

2. Sabiex tiġi aċċertata l-konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fit-tielet inċiż tal-Artikolu 2(2), l-Office Fédéral de l'Agriculture għandu jaċċetta, fuq talba tal-Kummissjoni Ewropea, li jsiru spezzjonijiet konġunti fil-bini tal-entitajiet awtorizzati.

3. Tali spezzjonijiet konġunti għandhom iseħħu skont il-proċedura proposta mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Frott u Ħxejjex u adottata mill-Kumitat.

*Artikolu 5*

**Klawżola ta' salvagwardja**

1. Fejn waħda mill-Partijiet tikkonsidra li l-oħra naqset li tissodisfa obbligu taħt dan l-Anness, iż-żewġ partijiet għandhom jagħmlu konsultazzjonijiet.

2. Il-Parti li titlob il-konsultazzjonijiet għandha tipprovdi lill-oħra bl-informazzjoni kollha meħtieġa għall-eżaminazzjoni dettaljata tal-każ inkwistjoni.

3. Fejn kunsinni ta' frott u ħxejjex li joriġinaw fl-Isvizzera jew fl-Unjoni Ewropea u li jiġu esportati mill-ġdid lill-Unjoni Ewropea mill-Isvizzera koperti minn ċertifikati ta' konformità jinsabu li mhumiex konformi mal-istandards fis-seħħ u kull limitu ta' żmien jew dewmien jista' jxekkel l-effettività tal-miżuri kontra l-frodi jew ifixkel il-kompetizzjoni, jistgħu jittieħdu miżuri temporanji ta' salvagwardja mingħajr konsultazzjoni minn qabel, kemm-il darba dawn il-konsultazzjonijiet iseħħu minnufih wara li jkunu ttieħdu l-miżuri msemmija.

4. Jekk wara l-konsultazzjonijiet stipulati fil-paragrafi 1 jew 3, il-Partijiet ma jilħqux ftehim fi żmien tliet xhur wara li jibdew il-konsultazzjonijiet, il-Parti li titlob il-konsultazzjonijiet jew li tieħu l-miżuri stipulati fil-paragrafu 3 tista' tieħu miżuri xierqa ta' protezzjoni, li jistgħu jinkludu s-sospensjoni parzjali jew totali ta' dan l-Anness.

*Artikolu 6*

**Grupp ta' Ħidma dwar il-Frott u l-Ħxejjex**

1. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Frott u l-Ħxejjex stabbilit skont l-Artikolu 6(7) tal-Ftehim għandu jikkunsidra kwalunkwe materja li tqum inkonnessjoni ma' dan l-Anness u l-implimentazzjoni tiegħu. Għandu perjodikament jirrevedi l-liġijiet u regolamenti interni tal-Partijiet fl-oqsma koperti minn dan l-Anness.

2. B'mod partikolari, huwa għandu jressaq proposti lill-Kumitat bil-għan tal-adattament u l-aġġornament tal-Appendiċi ta' hawnhekk.

---

*Appendiċi 1*

**Entitajiet tal-ispezzjoni Svizzeri awtorizzati li joħorġu ċertfikati ta' kontroll kif stipulat fl-Artikolu 3 tal-Anness 10**

Qualiservice
Boîte postale 7960
CH-3001 Berna

---

*Appendiċi 2*

| | |
|---|---|
| 1. Händler / Opérateur<br>......................................<br>......................................<br>...................................... | **Bescheinigung der Konformität**<br>mit den Vermarktungsnormen der Europäischen Union für Obst und Gemüse<br>**Certificat de conformité**<br>avec les normes de commercialisation de l'Union Européenne applicables aux fruits et légumes<br>Nur für die Kontrollstellen bestimmt<br>Le présent certificat est destiné exclusivement aux organismes de contrôle<br>№ |
| 2. Auf der Verpackung angegebener Packbetrieb (wenn es sich nicht um den Händler handelt)<br>Emballeur identifié sur emballage (si différent de l'opérateur)<br>......................................<br>...................................... | 3. Kontrollstelle / Organisme de contrôle<br>Qualiservice GmbH<br>Postfach 7960<br>3001 Bern<br>QUALI SERVICE<br><br>4. Kontrollort / Ursprungsland ([1])<br>Lieu du contrôle/pays d'origine ([1])<br><br>5. Bestimmungsregion bzw. -land<br>Région ou pays de destination |
| 6. Kennzeichen des Transportmittels / Identification du moyen de transport | 7. ☐ Intern / Interne<br>☐ Einfuhr / Import<br>☐ Ausfuhr / Export |

| 8. Verpackung (Anzahl und Art) Nombre et type d'emballages | 9. Art des Erzeugnisses (Sorte, falls in der Norm vorgesehen) Nature du produit (variété si la norme le prévoit) | 10. Güteklasse Catégorie de qualité | 11. Gesamtgewicht brutto/netto in kg ([2]) Poids total en kg brut / net ([2]) |
|---|---|---|---|
| .................... | .................... | .................... | .................... |
| .................... | .................... | .................... | .................... |
| .................... | .................... | .................... | .................... |
| .................... | .................... | .................... | .................... |
| .................... | .................... | .................... | .................... |

12. Die vorgenannte Kontrollstelle bescheinigt auf der Grundlage einer Stichprobenuntersuchung, dass die oben bezeichneten Waren zum Zeitpunkt der Kontrolle den geltenden Vermarktungsnormen der Europäischen Union entsprechen.
L'organisme de contrôle susmentionné certifie sur la base d'un examen par sondage que la marchandise indiquée ci-dessus correspondait, au moment du contrôle, aux normes de commercialisation de l'Union Européenne en vigueur.

..........................................................................

Vorgesehenes Zollamt: Eingang/ Ausgang ([2]) / Bureau de douane prévu: entrée / sortie ([2])

Stempel der Kontrollstelle
Cachet du service de contrôle

Gültigkeitsdauer / Durée de validité: ...................... Tage / Jours

..........................................................................

Ort und Datum der Ausstellung / Lieu et date de délivrance

| | | |
|---|---|---|
| ...................................... | ...................................... | ...................................... |
| Kontrolleur (Name in Druckbuchstaben)<br>Contrôleur: (nom en majuscules) | Unterschrift<br>Signature | Unterschrift des Händlers<br>Signature de l'opérateur |

13. Bemerkungen / observations:

..........................................................................

..........................................................................

Kontrollzeit / Heures de contrôle von de ................................ h bis à ................................ h km ....................................

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Exemplar für:**<br>**Exemplaire pour:** | **Weiss (Original): Empfänger**<br>**Blanc (original): destinataire** | **Rosa: Verlader**<br>**Rose: expéditeur** | **Gelb: Qualiservice**<br>**Jaune: Qualiservice** | **Grün: Kontrolleur**<br>**Vert: contrôleur** |

SIS SCHWEIZERISCHER INSPEKTIONSDIENST / SERVICE SUISSE D'INSPECTION / SERVIZIO SVIZZERO D'ISPEZIONE / SWISS INSPECTION SERVICE SIS 039

([1]) Bei Wiederausfuhr des Erzeugnisses ist sein Ursprung in Feld 9 anzugeben / Lorsque le produit est réexporté, mentionner son origine dans la case 9

([2]) Nicht zutreffendes streichen / Biffer la mention inutile

Q:\Qualiservice\Formulare\Kontrollbescheinigung 2012.docx.egger/1500/2012_scp"

**EUR-Lex (http://new.eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT